**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1999

## tas-7 ta' Diċembru 2020

## li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

(ĠU L 410I, 7.12.2020, p. 13)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/372 tat-2 ta' Marzu 2021 | L 71I | 6 | 2.3.2021 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/481 tat-22 ta' Marzu 2021 | L 99I | 25 | 22.3.2021 |
| ►M3 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2160 tas-6 ta' Diċembru 2021 | L 436 | 40 | 7.12.2021 |
| ►M4 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2197 tat-13 ta' Diċembru 2021 | L 445I | 17 | 13.12.2021 |
| ►M5 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2376 tal-5 ta' Diċembru 2022 | L 314 | 90 | 6.12.2022 |
| ►M6 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/433 tal-25 ta' Frar 2023 | L 59I | 583 | 25.2.2023 |
| ►M7 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/501 tas-7 ta' Marzu 2023 | L 69I | 11 | 7.3.2023 |
| ►M8 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1099 tal-5 ta' Ġunju 2023 | L 145 | 12 | 5.6.2023 |
| ►M9 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1500 tal-20 ta' Lulju 2023 | L 183I | 35 | 20.7.2023 |
| ►M10 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1504 tal-20 ta' Lulju 2023 | L 183I | 60 | 20.7.2023 |
| ►M11 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1716 tat-8 ta' Settembru 2023 | L 221I | 6 | 8.9.2023 |

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 35, 17.2.2022, p. 21 (2021/2160)

▼B

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1999**

**tas-7 ta' Diċembru 2020**

**li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

*Artikolu 1*

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas għal miżuri restrittivi mmirati biex jiġu indirizzati ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja. Din tapplika għal dan li ġej:

(a) ġenoċidju;

(b) delitti kontra l-umanità;

(c) ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem li ġejjin:

(i) tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra,

(ii) skjavitù,

(iii) eżekuzzjonijiet extralegali, sommarji jew arbitrarji u qtil,

(iv) għajbien sfurzat ta' persuni,

(v) arresti jew detenzjonijiet arbitrarji;

(d) ksur jew abbuż ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż iżda mhux limitat għal dawn li ġejjin, sa fejn dawk il-ksur jew l-abbuż ikunu mifruxa, sistematiċi jew inkella jkunu ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE:

(i) traffikar tal-bnedmin, kif ukoll l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem minn faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti kif imsemmi f'dan l-Artikolu,

(ii) vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru,

(iii) ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni paċifika,

(iv) ksur jew abbużi tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni,

(v) ksur jew abbużi tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin.

2. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1, għandhom jiġu kkunsidrati d-dritt internazzjonali konswetudinarju u strumenti ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali, bħal:

(a) il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

(b) il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

▼B

(c) il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju;

(d) il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra;

(e) il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali;

(f) il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa;

(g) il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

(h) il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat;

(i) il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà;

(j) il-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni; speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali;

(k) l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

(l) il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi jistgħu jinkludu:

(a) atturi Statali;

(b) atturi oħra li jeżerċitaw kontroll jew awtorità effettiva fuq territorju;

(c) atturi oħra mhux Statali.

4. Meta jistabbilixxi jew jemenda l-lista li tinsab fl-Anness firrigward ta' atturi mhux Statali oħrajn skont il-punt (c) tal-paragrafu 3, il-Kunsill għandu jqis b'mod partikolari l-elementi speċifiċi li ġejjin:

(a) l-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 TUE; u

(b) il-gravità u/jew l-impatt tal-abbużi.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta':

(a) persuni fiżiċi li huma responsabbli għall-atti mniżżlin fl-Artikolu 1(1);

(b) persuni fiżiċi li jipprovdu appoġġ finanzjarju, tekniku jew materjali għall-atti mniżżlin fl-Artikolu 1(1) jew li huma involuti f'dawk l-atti, inkluż bl-ippjanar, id-direzzjoni, l-ordni, l-assistenza, it-tħejjija, l-iffaċilitar, jew l-inkoraġġiment ta' tali atti;

▼B

(c) persuni fiżiċi li huma assoċjati mal-persuni koperti mill-punti (a) u (b);

kif elenkati fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru jirrifjuta d-dħul fit-territorju tiegħu taċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut b'obbligu skont id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti ta' organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti ta' konferenza internazzjonali mlaqqa' min-Nazzjonijiet Uniti, jew taħt il-patroċinju tagħhom;

(c) taħt ftehim multilaterali li jagħti privileġġi u immunitajiet; jew

(d) skont it-Trattat ta' Konċiljazzjoni (il-Patt tal-Lateran) tal-1929 konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jitqies li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun il-pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jiġi debitament infurmat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun iġġustifikat għal raġunijiet ta' bżonn umanitarju urġenti, jew għal raġunijiet ta' attendenza ta' laqgħat intergovernattivi jew laqgħat promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament l-objettivi ta' politika ta' miżuri restrittivi, inkluż it-tmiem ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

7. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn id-dħul jew it-tranżitu jkun neċessarju għall-fini ta' proċess ġudizzjarju.

8. Stat Membru li jixtieq jagħti eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 jew 7 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat sakemm ma joġġezzjonax membru wieħed jew aktar tal-Kunsill bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tasal in-notifika dwar l-eżenzjoni proposta. Jekk membru wieħed jew aktar tal-Kunsill iqajmu oġġezzjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

9. Fejn, skont il-paragrafu 3, 4, 6, 7 jew 8, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-tranżitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun strettament limitata għall-iskop li għalih tkun ingħatat u għall-persuni direttament ikkonċernati minnha.

▼B

*Artikolu 3*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, li huma l-proprjetà ta', jew li huma miżmuma jew ikkontrollati minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, li huma responsabbli għall-atti mniżżlin fl-Artikolu 1(1);

(b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, li jipprovdu appoġġ finanzjarju, tekniku jew materjali għall-atti mniżżlin fl-Artikolu 1(1) jew li huma involuti f'dawk l-atti, inkluż bl-ippjanar, id-direzzjoni, l-ordni, l-assistenza, it-tħejjija, l-iffaċilitar, jew l-inkoraġġiment ta' tali atti;

(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi entitajiet, li huma assoċjati mal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi koperti mill-punti (a) u (b);

kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew r-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness u tal-membri dipendenti tal-familji ta' dawn il-persuni fiżiċi, inkluż ħlasijiet għall-ikel, għall-kera jew għall-ipotekar, għall-mediċini u għat-trattament mediku, għat-taxxi, għall-primjums tal-assigurazzjoni, u għall-ispejjeż tas-servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti ta' servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) neċessarji għal spejjeż straordinarji, sakemm l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, minn tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(e) ser jitħallsu f'kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari, jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, jew jinħarġu minn tali kont, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għal finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari, jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

▼B

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu.

4. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-suġġett ta’ deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmi fil-paragrafu 1 ikun ġie elenkat fl-Anness, jew ta’ deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta’ deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f’tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta’ persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta’ persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness milli jagħmel ħlas dovut skont kuntratt jew ftehim konkluż, jew obbligu li rriżulta, qabel id-data li fiha tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikun ġie elenkat fih, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun iddetermina li l-ħlas ma jiġix riċevut, direttament jew indirettament, minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda ma’ kontijiet iffriżati ta’:

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet;

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2; jew

(c) pagamenti dovuti skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali li ngħataw fl-Unjoni jew li huma infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, sakemm kwalunkwe tali mgħax, dħul ieħor u pagamenti jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

▼B

*Artikolu 4*

1. B'deroga mill-Artikolu 3(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-provvista ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi hija neċessarja għal skopijiet umanitarji, bħall-għoti jew il-faċilitazzjoni tal-għoti ta' assistenza, inkluż provvisti mediċinali, ikel jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet.

2. l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont dan l-Artikolu fi żmien erba' ġimgħat mill-awtorizzazzjoni.

*Artikolu 5*

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli, għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista stabbilita fl-Anness.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1, inkluż ir-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jipprovdi lil dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp b'opportunità li jippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat skont il-każ.

*Artikolu 6*

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fl-Artikoli 2 u 3.

2. L-Anness għandu jinkludi, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi: ismijiet u psewdonimi; id-data u l-post tat-twelid; in-nazzjonalità; in-numri tal-passaport u tal-karti ta' identità; il-ġeneru; l-indirizz, jekk magħruf; u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi: l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni; in-numru tar-reġistrazzjoni; u l-post tan-negozju.

*Artikolu 7*

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli għandhom jipproċessaw data personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

(a) fir-rigward tal-Kunsill, it-tħejjija u l-emendar tal-Anness;

▼B

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, it-tħejjija ta' emendi għall-Anness.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, data rilevanti b'rabta ma' reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi elenkati, u ma' kundanni penali jew miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lit-tali persuni, biss sa fejn tali proċessar ikun meħtieġ għall-preparazzjoni tal-Anness.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma nominati bħala "kontrollur" fis-sens tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

*Artikolu 8*

Ma għandha tiġi sodisfatta ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew għall-ħlas ta' bond jew ta' garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kull forma, jekk din il-pretensjoni ssir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi deżinjati elenkati fl-Anness;

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxi permezz ta' jew f'isem waħda mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (a).

*Artikolu 9*

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk previsti f'din id-Deċiżjoni.

▼M3

*Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-8 ta' Diċembru 2023 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 għandhom japplikaw fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness sat-►M5 8 ta' Diċembru 2023 ◄.

▼B

*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

▼B

*ANNESS*

**Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 2 u 3**

A. Persuni fiżiċi

▼M1

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| ▼M5 | | | | | |
| 1. | Alexander (Alexandr) Petrovich KALASHNIKOV | Александр Петрович КАЛАШНИКОВ (ortografija Russa) | Kariga/i: Eks Direttur tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN)<br>Data tat-twelid: 27.1.1964<br>Post tat-twelid: Tatarsk, Reġjun/Oblast ta' Novosibirsk, SFSR Russa (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Alexander Kalashnikov kien id-direttur tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN) mit-8 ta' Ottubru 2019 sal-25 ta' Novembru 2021. F'dik il-pożizzjoni, huwa ssorvelja l-attivitajiet kollha tal-FSIN. Fil-kapaċità tiegħu bħala direttur tal-FSIN, huwa kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzjonijiet arbitrarji.<br>Fil-każ ta' Alexei Navalny, waqt li s-Sur Navalny kien qed jirkupra fil-Ġermanja (Settembru 2020-Jannar 2021) wara li kien ġie avvelenat b'aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok, fit-28 ta' Diċembru 2020, l-FSIN ordna li b'mod immedjat jippreżenta ruħu quddiem uffiċjal tal-probation jew, jekk jonqos milli jagħmel dan, jiffaċċja sentenza ta' ħabs talli jkun kiser il-kondizzjonijiet ta' sentenza sospiża fuq kundanna għal frodi. Dik il-kundanna għal frodi nstabet li kienet arbitrarja u inġusta mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018. Fis-17 ta' Jannar 2021, fuq ordnijiet ta' Alexander Kalashnikov, uffiċjali tal-FSIN arrestaw lil Alexei Navalny mal-wasla tiegħu fl-ajruport ta' Moska.<br>L-arrest ta' Alexei Navalny huwa bbażat fuq deċiżjoni tal-qorti tal-belt ta' Khimki, li min-naħa tagħha nħarġet fuq talba tal-FSIN. Lejn l-aħħar ta' Dicembru 2020, l-FSIN kien diġà talab li qorti tissostitwixxi s-sentenza sospiża ta' Alexei Navalny b'sentenza ta' ħabs. Fis-17 ta' Frar 2021, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ordnat lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jirrilaxxa lil Alexei Navalny. | 2.3.2021 |
| ▼M1 | | | | | |
| 2. | Alexander (Alexandr) Ivanovich BASTRYKIN | Александр Иванович БАСТРЫКИН | Pożizzjoni(jiet): President tal-Kumitat Investigattiv tal-Federazzjoni Russa<br>Data tat-twelid: 27.8.1953 | Alexander Bastrykin ilu jservi bħala President tal-Kumitat Investigattiv tal-Federazzjoni Russa (il-"Kumitat") minn Jannar 2011 (u bħala aġent president minn Ottubru sa Diċembru 2010). F'dik il-pożizzjoni, huwa jissorvelja l-attivitajiet kollha tal-Kumitat. Uffiċjalment, il-Kumitat huwa ppresedut mill-President Russu. Fil-kapaċità tiegħu, Alexander Bastrykin, bħala president tal-Kumitat, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzjonijiet arbitrarji. | it-2 ta' Marzu 2021 |

▼M1

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Post tat-twelid: Pskov, SFSR Russa (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Ċittadinanza: Russa<br>Sess: raġel | Alexander Bastrykin huwa responsabbli għall-kampanji mifruxa u sistematiċi ta' repressjoni tal-Kumitat kontra l-oppożizzjoni Russa li jimmiraw u jinvestigaw il-membri tagħha. Fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat nieda investigazzjoni dwar il-mexxej tal-oppożizzjoni Alexei Navalny, fejn ġie akkużat bi frodi fuq skala kbira. Alexei Navalny u oħrajn ippubblikaw artikli dwar is-sjieda ta' Alexander Bastrykin tad-ditta tal-proprjetà immobbli Ċeka LAW Bohemia fis-snin 2000. | |
| 3. | Igor Viktorovich KRASNOV | Игорь Викторович КРАСНОВ | Pożizzjoni(jiet): Prosekutur Ġenerali tal-Federazzjoni Russa<br>Data tat-twelid: 24.12.1975<br>Post tat-twelid: Arkhangelsk, SFSR Russa (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Ċittadinanza: Russa<br>Sess: raġel | Igor Krasnov ilu Prosekutur Ġenerali tal-Federazzjoni Russa mit-22 ta' Jannar 2020 u qabel kien il-Viċi President tal-Kumitat Investigattiv tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Prosekutur Ġenerali, huwa jissorvelja l-Uffiċċji tal-Prosekutur fil-Federazzjoni Russa, l-Uffiċċji tal-Prosekutur Speċjali u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Militari. Fil-kapaċità tiegħu bħala Prosekutur Ġenerali, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-detenzjonijiet arbitrarji ta' nies li pprotestaw f'dimostrazzjonijiet, u għar-repressjoni mifruxa u sistematika tad-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni.<br>Qabel il-protesti tat-23 ta' Jannar 2021, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali wissa li l-parteċipanti kienu ser jitqiesu responsabbli. Barra minn hekk, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali talab li s-Servizz Federali għas-Superviżjoni fl-Isfera tal-Komunikazzjonijiet, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Massa (Roskomnadzor) jirrestrinġi l-aċċess għas-siti web u l-kontijiet tan-network soċjali tal-oppożizzjoni li kien fihom informazzjoni dwar l-avvenimenti ppjanati tas-sostenituri ta' Alexei Navalny. Fid-29 ta' Jannar 2021, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali għal darb'oħra talab li r-Roskomnadzor jirrestrinġi l-aċċess għas-siti web u l-kontijiet tan-network soċjali tal-oppożizzjoni, din id-darba qabel il-protesti favur Navalny fit-30 u l-31 ta' Jannar 2021. Intbagħtu twissijiet lill-kumpanniji tal-internet (Facebook, TikTok, Twitter, Google, Mail.ru Group). L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali ħabbar ukoll li dawk li kienu ser jieħdu sehem fid-dimostrazzjonijiet kienu ser jiffaċċjaw prosekuzzjoni.<br>L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali appoġġa t-talba tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN) sabiex is-sentenza sospiża imposta fuq Alexei Navalny f'każ allegat ta' frodi tiġi konvertita sentenza ta' ħabs. Minkejja li l-kundanna tiegħu f'dak il-każ instabet arbitrarja u inġusta mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018, Alexei Navalny ġie arrestat mal-wasla tiegħu fl-ajruport ta' Moska fis-17 ta' Jannar 2021. | it-2 ta' Marzu 2021 |

▼M1

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| ▼M3 | | | | | |
| 4. | Viktor Vasilievich (Vasilyevich) ZOLOTOV | Виктор Васильевич ЗОЛОТОВ | Pożizzjoni(jiet): Direttur tas-Servizz Federali tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia)<br>Data tat-twelid: 27.1.1954<br>Post tat-twelid: Sasovo, ir-Repubblika Soċjalista Federattiva Sovjetika Russa (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel | Viktor Zolotov ilu Direttur tas-Servizz Federali tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) mill-5 ta' April 2016 u għalhekk huwa Kap Kmandant tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll Kmandant tal-OMON – Unita Mobbli bi Skop Speċjali integrata fir-Rosgvardia. F'dik il-pożizzjoni, huwa jissorvelja l-attivitajiet kollha tat-truppi tar-Rosgvardia u tal-OMON. Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur tar-Rosgvardia, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzjonijiet arbitrarji u r-repressjoni mifruxa u sistematika tad-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, b'mod partikolari bit-trażżin vjolenti ta' protesti u dimostrazzjonijiet.<br><br>Ir-Rosgvardia ntużat biex trażżan il-protestifavur Navalny tat-23 ta' Jannar u tal-21 ta' April 2021, u ġie rrappurtat li bosta uffiċjali tal-OMON u tal-Gwardja Nazzjonali użaw brutalità u vjolenza kontra d-dimostranti. Għexieren ta' ġurnalisti spiċċaw fil-mira ta' aggressjoni mill-forzi tas-sigurtà, inkluż il-korrispondent ta' Meduza, Kristina Safronova, li sfat aggredita minn uffiċjal tal-OMON, u l-ġurnalista ta' Novaya Gazeta Yelizaveta Kirpanova, li laqtet daqqa ta' lembuba fuq rasha, li darrbitha. Matul il-protesti tat-23 ta' Jannar 2021, il-forzi tas-sigurtà arbitrarjament iddetenew aktar minn 300 minorenni. | 2.3.2021 |
| 5. | ZHU Hailun | 朱海仑 (ortografija Ċiniża) | Pożizzjoni(jiet): Membru tat-13-il Kungress Nazzjonali tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (leġiżlatura mill-2018 sal-2023) li jirrappreżenta lir-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX); Membru tal-Kumitat Superviżorju u tal-Affarijiet Ġudizzjarji tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu (mid-19 ta' Marzu 2018) | Eks Segretarju tal-Kumitat tal-Affarijiet Politiċi u Legali tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX) u eks Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-RAUX (mill-2016 sal-2019). Eks Viċi Kap tal-Kumitat Permanenti tat-13-il Kungress tal-Poplu tar-RAUX, korp leġiżlattiv reġjonali (mill-2019 sal-5 ta' Frar 2021 iżda baqa' attiv sa tal-inqas Marzu 2021). Membru tat-13-il Kungress Nazzjonali tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (leġiżlatura mill-2018 sal-2023) li jirrappreżenta lir-RAUX. Membru tal-Kumitat Superviżorju u tal-Affarijiet Ġudizzjarji tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu mid-19 ta' Marzu 2018. | 22.3.2021 |

▼M3

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Data tat-twelid: Jannar 1958<br>Post tat-twelid: Lianshui, Jiangsu (iċ-Ċina)<br>Nazzjonalità: Ċiniża<br>Ġeneru: raġel | Bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX (mill-2016 sal-2019), Zhu Hailun kien responabbli għaż-żamma tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi fir-RAUX. Bħala tali, kellu kariga politika importanti inkarigat biex isegwi u jimplimenta programm fuq skala kbira ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni mmirat lejn persuni Ujgur u nies minn minoranzi etniċi oħrajn. Zhu Hailun ġie deskritt bħala l-"arkitett" ta' dan il-programm. Huwa għalhekk responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrarji fuq skala kbira mwettqa fuq l-Ujgur u nies minn minoranzi etniċi oħrajn.<br>Bħala Viċi Kap tal-Kumitat Permanenti tat-13-il Kungress tal-Poplu tar-RAUX (mill-2019 sal-5 ta' Frar 2021), Zhu Hailun kompla jeżerċita influwenza deċiżiva fir-RAUX fejn għadu għaddej il-programm ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni fuq skala kbira mmirat lejn l-Ujgur u nies minn minoranzi etniċi oħrajn. | |

▼M5

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 6. | WANG Junzheng | 王君正<br>(ortografija Ċiniża) | Kariga/i: Segretarju tal-Partit Komunista Ċiniż (CCP) fir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet (TAR); Eks Segretarju tal-Partit tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (KPKX) u Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang fiċ-Ċina; Kummissarju politiku tal-XPCC u CEO taċ-China Xinjian Group<br>Data tat-twelid: Mejju 1963<br>Post tat-twelid: Linyi, Shandong (iċ-Ċina)<br>Nazzjonalità: Ċiniża<br>Sess: raġel | Segretarju tal-Partit Komunista Ċiniż (CCP) fir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet (TAR) sa minn Ottubru 2021. Eks Segretarju tal-Partit tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (KPKX) u Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX) fiċ-Ċina minn April 2020 sa Ottubru 2021, kif ukoll Kummissarju politiku tal-KPKX minn Mejju 2020 sa Ottubru 2021. Eks Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX, minn Frar 2019 sa Settembru 2020. Wang Junzheng okkupa wkoll karigi għolja oħra fil-KPKX.<br>L-XPCC huwa organizzazzjoni ekonomika u paramilitari tal-istat fl-XUAR, li teżerċita awtorità amministrattiva u tikkontrolla l-attivitajiet ekonomiċi f'Xinjiang.<br>Bħala Segretarju tal-Partit u Kummissarju Politiku tal-KPKX, Wang Junzheng kien involut fis-sorveljanza tal-politiki kollha implimentati mill-KPKX. F'dik il-kariga, huwa kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrarji u trattament degradanti fuq skala kbira li laqat lill-Ujguri u lil popli minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin tagħhom, fost l-oħrajn, b'rabta mal-implimentazzjoni mill-KPKX ta' programm ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni fuq skala kbira mmirat lejn l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn. | 22.3.2021 |

▼M5

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Hu kien responsabbli wkoll mill-użu sistematiku mill-KPKX tal-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn bħala forza tax-xogħol furzat, b'mod partikolari fl-għelieqi tal-qoton. Bħala Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-RAUX, Wang Junzheng kien involut fis-sorveljanza tal-politiki tas-sigurtà kollha implimentati f'Xinjiang, inkluż il-programm imsemmi qabel immirat lejn l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn. Bħala Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX minn Frar 2019 sa Settembru 2020, Wang Junzheng kien responabbli miż-żamma tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi fir-RAUX. Bħala tali, kellu kariga politika importanti inkarigat biex jissorvelja u jimplimenta l-programm imsemmi qabel. | |

▼M2

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 7. | WANG Mingshan | 王明山 (Ortografija Ċiniża) | Kariga/i: Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta’ Xinjiang (RAUX) u Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX<br>Data tat-twelid: Jannar 1964<br>Post tat-twelid: Wuwei, Gansu (iċ-Ċina)<br>Nazzjonalità: Ċiniża<br>Ġeneru: raġel | Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta’ Xinjiang (RAUX) u Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX sa minn Settembru 2020. Eks Direttur u Viċi Segretarju tal-Partit tal-Bureau tas-Sigurtà Pubblika ta’ Xinjiang (BSPX) bejn l-2017 u Jannar 2021.<br>Bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX sa minn Settembru 2020, Wang Mingshan hu responabbli miż-żamma tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi fir-RAUX. Bħala tali, għandu kariga politika importanti inkarigat biex isegwi programm fuq skala kbira ta’ sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni mmirat lejn persuni Ujgur u nies minn minoranzi etniċi oħrajn. | 22.3.2021 |

▼**M2**

| | ►**M2** Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►**M2** Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Bħala eks Direttur u Viċi Segretarju tal-Partit tal-BSPX (mill-2017 sa Jannar 2021), hu kellu kariga ewlenija fl-apparat tas-sigurtà ta' Xinjiang u kien responsabbli direttament mill-implimentazzjoni tal-programm imsemmi qabel. B'mod partikolari, il-BSPX uża l-"Pjattaforma Integrata ta' Operazzjonijiet Konġunti" (PIOK), programm ta' big data wżat biex isegwi miljuni ta' Ujgur fir-reġjun ta' Xinjiang u jindika lil dawk meqjusa bħala "theddida potenzjali" biex jintbagħtu f'kampijiet ta' detenzjoni.<br>Fil-kariga attwali tiegħu u minħabba l-funzjonijiet li kellu qabel, Wang Mingshan hu responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrarji u trattament degradanti fuq skala kbira mwettqa fuq l-Ujgur u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà tar-reliġjoni jew tat-twemmin tagħhom. | |
| 8. | CHEN Mingguo | 陈明国<br>(Ortografija Ċiniża) | Kariga/i: Direttur tal-Bureau tas-Sigurtà Pubblika ta' Xinjiang (BSPX) u Viċi President tal-Gvern tal-Poplu tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX)<br>Data tat-twelid: Ottubru 1966<br>Post tat-twelid: Yilong, Sichuan (iċ-Ċina)<br>Nazzjonalità: Ċiniża<br>Ġeneru: raġel | Direttur tal-Bureau tas-Sigurtà Pubblika ta' Xinjiang (BSPX) sa minn Jannar 2021 u Viċi President tal-Gvern tal-Poplu tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX). | 22.3.2021 |

▼M2

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Bħala Direttur tal-BSPX, Chen Mingguo għandu kariga ewlenija fl-apparat tas-sigurtà ta' Xinjiang u hu involut direttament fl-implimentazzjoni ta' programm ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni fuq skala kbira mmirat lejn persuni Ujgur u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn. B'mod partikolari, il-BSPX uża l-"Pjattaforma Integrata ta' Operazzjonijiet Konġunti" (PIOK), programm ta' big data wżat biex isegwi miljuni ta' Ujgur fir-reġjun ta' Xinjiang u jimmarka lil dawk meqjusa bħala "theddida potenzjali" biex jintbagħtu f'kampijiet ta' detenzjoni. Chen Mingguo hu għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrarji u trattament degradanti mwettqa fuq l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà ta' reliġjoni jew ta' twemmin tagħhom. | |
| ▼M5 9. | JONG Kyong-thaek (magħruf ukoll bħala CHO'NG Kyo'ng-t'aek) | 정경택 (ortografija Koreana) | Kariga/i: Direttur tal-Bureau tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean; Eks Ministru għas-Sigurtà tal-Istat tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK)<br>Data tat-twelid: bejn l-1.1.1961 u l-31.12.1963<br>Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK)<br>Sess: raġel | Jong Kyong-thaek huwa d-Direttur tal-Bureau tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Hu kien il-Ministru għas-Sigurtà tal-Istat tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) mill-2017 sal-2021. Il-Ministeru għas-Sigurtà tal-Istat tar-RDPK hu wieħed mill-istituzzjonijiet ewlenin responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki repressivi tas-sigurtà tar-RDPK, b'enfasi fuq l-identifikazzjoni u t-trażżin ta' dissens politiku, l-influss ta' informazzjoni "sovversiva" minn barra, u kull imġiba oħra meqjusa bħala theddida politika serja għas-sistema politika u t-tmexxija tagħha.<br>Bħala Eks Kap tal-Ministeru għas-Sigurtà tal-Istat, Jong Kyong-thaek huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK, b'mod partikolari tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, arbitrarji u sommarji u qtil, għajbien sfurzat ta' persuni, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, kif ukoll xogħol furzat mifrux u vjolenza sesswali kontra n-nisa. | 22.3.2021 |

▼M5

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 10. | RI Yong Gil (magħruf ukoll bħala RI Yong Gi, RI Yo'ng-kil, YI Yo'ng-kil) | 리영길<br>(ortografija Koreana) | Kariga/i: Ministru għad-Difiża Nazzjonali tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK)<br>Grad: Viċi Marixall<br>Data tat-twelid: 1955<br>Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK)<br>Sess: raġel | Ri Yong Gil huwa l-Ministru għad-Difiża Nazzjonali tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). Huwa kien il-Ministru għas-Sigurtà Soċjali minn Jannar 2021 sa Ġunju jew Lulju 2021. Kien Kap tal-Istat Maġġur tal-Armata tal-Poplu Korean (KPA) bejn l-2018 u Jannar 2021. Huwa ġie promoss għal Viċi Marixall tal-KPA fl-14 ta' April 2022.<br>Bħala Ministru għad-Difiża Nazzjonali, Ri Yong Gil huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż minn membri tal-Kmand tas-Sigurtà Militari u unitajiet oħra tal-KPA.<br>Il-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali tar-RDPK (li qabel kien magħruf bħala l-Ministeru għas-Sigurtà tal-Poplu jew il-Ministeru għas-Sigurtà Pubblika) u l-Kmand tas-Sigurtà Militari huma istituzzjonijiet responsabbli milli jimplimentaw il-politiki ta' sigurtà repressivi tar-RDPK, fosthom l-interrogazzjoni u l-ikkastigar ta' nies li jaħarbu mir-RDPK "illegalment". B'mod partikolari, il-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali hu responsabbli milli jmexxi kampijiet tal-ħabs u ċentri ta' xogħol ta' detenzjoni fuq perjodu qasir ta' żmien permezz tal-Uffiċċju Korrettiv tiegħu, fejn il-priġunieri/detenuti jitħallew bil-ġuħ apposta u huma soġġetti għal trattament inuman ieħor.<br>Bħala eks Kap tal-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali, Ri Yong Gil huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK, b'mod partikolari tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, eżekuzzjonijiet ekstra-ġudizzjarji, arbitrarji u sommarji u qtil, għajbien sfurzat ta' persuni, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, kif ukoll xogħol furzat mifrux u vjolenza sesswali kontra n-nisa.<br>Bħala eks Kap tal-Persunal Ġenerali tal-KPA, Ri Yong Gil huwa responsabbli wkoll għall-ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-KPA. | 22.3.2021 |
| ▼M3<br>— | | | | | |
| ▼M5<br>12. | Abderrahim AL-KANI (magħruf ukoll bħala Abdul-Rahim AL-KANI, Abd-al-Rahim AL-KANI, Abdel Rahim KHALIFA Abdel Rahim AL-SHAQAQI) | عبد الرحيم الكاني<br>(ortografija bl-Għarbi) | Kariga/i: membru tal-Milizzja Kaniyat<br>Data tat-twelid: 7.9.1997<br>Nazzjonalità: Libjana<br>Numru tal-passaport: PH3854LY | Abderrahim Al-Kani huwa membru ewlieni tal-Milizzja Kaniyat u ħu l-Kap tal-Milizzja Kaniyat, Mohammed Khalifa Al-Khani (miet f'Lulju 2021). Il-Milizzja Kaniyat eżerċitat il-kontroll fuq il-belt Libjana ta' Tarhuna bejn l-2015 u Ġunju 2020. | 22.3.2021 |

▼M5

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Numru tal-karta tal-identità: 119970331820<br>Sess: raġel | Abderrahim Al-Kani huwa inkarigat mis-sigurtà interna għall-Milizzja Kaniyat. F'dik il-kapaċità, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja, b'mod partikolari qtil ekstraġudizzjarju u għajbien sfurzat ta' persuni bejn l-2015 u Ġunju 2020 f'Tarhuna.<br>Abderrahim Al-Kani u l-Milizzja Kaniyat ħarbu minn Tarhuna fil-bidu ta' Ġunju 2020 lejn il-Lvant tal-Libja. Minn dakinhar, diversi oqbra tal-massa attribwiti lill-Milizzja Kaniyat ġew skoperti f'Tarhuna. | |

▼M3

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 13. | Aiub Vakhaevich KATAEV (magħruf ukoll bħala Ayubkhan Vakhaevich KATAEV) | Аюб Вахаевич КАТАЕВ (magħruf ukoll bħala Аюбхан Вахаевич КАТАЕВ) (ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Federazzjoni Russa fil-belt ta' Argun fir-Repubblika Ċeċena<br>Data tat-twelid: 1.12.1980 jew 1.12.1984<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel | Kap tad-Dipartiment tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Federazzjoni Russa fil-belt ta' Argun fir-Repubblika Ċeċena sal-2018.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Federazzjoni Russa f'Argun, Aiub Kataev kien jissorvelja l-attivitajiet tas-sigurtà tal-istat u tal-aġenziji tal-pulizija lokali. F'din il-kariga, huwa kien jissorvelja personalment persekuzzjonijiet mifruxa u sistematiċi fiċ-Ċeċenja, li bdew fl-2017. Ir-repressjonijiet huma diretti kontra persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), dawk li hu preżunt li jappartjenu għal gruppi LGBTI, u individwi oħra ssuspettati li huma avversarji tal-Kap tar-Repubblika Ċeċena Ramzan Kadyrov. Aiub Kataev u forzi li kienu taħt il-kmand tiegħu huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari tortura u trattament u pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif ukoll arresti u detenzjonijiet arbitrarji, u eżekuzzjonijiet arbitrarji jew ekstraġudizzjarji u qtil.<br>Skont diversi xiehda, Aiub Kataev issorvelja personalment u ħa sehem fit-tortura ta' detenuti. | 22.3.2021 |
| 14. | Abuzaid (Abuzayed) Dzhandarovich VISMURADOV | Абузайд Джандарович ВИСМУРАДОВ (ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Eks Kmandant tat-Tim "Terek" tal-Unità Speċjali ta' Rispons Rapidu (SOBR), Viċi Prim Ministru tar-Repubblika Ċeċena, gwardja personali mhux uffiċjali tal-Kap tar-Repubblika Ċeċena Ramzan Kadyrov | Eks Kmandant tat-Tim "Terek" tal-Unità Speċjali ta' Rispons Rapidu (SOBR). Mit-23 ta' Marzu 2020, Viċi Prim Ministru tar-Repubblika Ċeċena. Gwardja personali tal-Kap tar-Repubblika Ċeċena Ramzan Kadyrov. | 22.3.2021 |

▼M3

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Data tat-twelid: 24.12.1975<br><br>Post tat-twelid: Akhmat-Yurt/ Khosi-Yurt, eks Repubblika Soċjalista Sovjetika Awtonoma Ċeċena-Ingush (ASSR), issa Repubblika Ċeċena (Federazzjoni Russa)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Ġeneru: raġel | Abuzaid Vismuradov kien il-Kmandant tal-istakkament "Terek" tas-SOBR minn Marzu 2012 sa Marzu 2020. F'din il-kariga, huwa kien jissorvelja personalment persekuzzjonijiet mifruxa u sistematiċi fiċ-Ċeċenja, li bdew fl-2017. Ir-repressjonijiet huma diretti kontra persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI), dawk li hu preżunt li jappartjenu għal gruppi LGBTI jew individwi oħra ssuspettati li huma avversarji tal-Kap tar-Repubblika Ċeċena Ramzan Kadyrov.<br><br>Abuzaid Vismuradov u l-unità "Terek" li kienet taħt il-kmand tiegħu huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif ukoll arresti u detenzjonijiet arbitrarji, u qtil ekstraġudizzjarju u arbitrarju u eżekuzzjonijiet.<br><br>Skont diversi xiehda, Abuzaid Vismuradov issorvelja personalment u ħa sehem fit-tortura ta' detenuti. Huwa kollaboratur mill-qrib ta' Ramzan Kadyrov, il-Kap tar-Repubblika Ċeċena, li ilu jmexxi kampanja ta' repressjonijiet kontra l-avversarji politiċi tiegħu għal bosta snin. | |

▼M2

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 15. | Gabriel Moses LOKUJO | - | Kariga/i: Maġġur Ġeneral tal-Forzi għad-Difiża tal-Poplu tas-Sudan t'Isfel (SSPDF)<br><br>Nazzjonalità: Sud Sudaniża<br><br>Ġeneru: raġel | Maġġur Ġeneral tal-Forzi għad-Difiża tal-Poplu tas-Sudan t'Isfel (SSPDF).<br><br>Gabriel Moses Lokujo huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan t'Isfel, b'mod partikolari eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji u qtil.<br><br>F'Mejju 2020, tliet uffiċjali tal-Armata għal-Liberazzjoni tal-Poplu tas-Sudan fl-Oppożizzjoni (SPLA-IO) inħatfu u inqatlu fuq l-ordnijiet tal-Maġġur Ġeneral Lokujo.<br><br>F'Settembru 2020, il-Maġġur Ġeneral Lokujo abbanduna lill-SPLA-IO u ngħaqad mal-SSPDF u huwa responsabbli għall-konfrontazzjonijiet sussegwenti ġewwa u madwar iċ-Ċentru tat-Taħriġ ta' Moroto fl-Equatoria Ċentrali tan-Nofsinhar. Bħala konsegwenza, diversi mwiet u korrimenti ġew irrapportati miż-żewġ naħat matul l-aħħar trimestru tal-2020, u ġew spustati wkoll persuni ċivili, speċjalment fiż-żona Kajo-Keji tal-Istat tal-Equatoria Ċentrali. Il-forzi tal-Maġġur Ġeneral Lokujo baqgħu fiż-żona fejn ġew irrapportati diversi konfrontazzjonijiet oħra u s-sikurezza u s-sigurtà tal-komunitajiet ċivili għadhom f'periklu. | 22.3.2021'; |

▼M1

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| ▼M5 | | | | | |
| 16. | Dimitriy (Dimitry, Dmitri, Dmitry) Valerievich UTKIN | Дмитрий Валерьевич Уткин<br>(Ortografija Russa) | Kariga/i: Fundatur u kmandant tal-Grupp Wagner<br>Grad: Logutenent Kurunell (riżerva)<br>Sinjal tas-sejħa: Vagner, Wagner, The Nineth<br>ID tal-Grupp Wagner: M-0209<br>Data tat-twelid: 1.6.1970 jew 11.6.1970<br>Post tat-twelid: Asbest, Sverdlovsk Oblast, SFSR Russa (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Indirizz: Pskov, Russian Federation<br>Sess: raġel | Dimitriy Utkin, eks uffiċjal tal-intelligence militari Russa (GRU), huwa l-fundatur tal-Grupp Wagner u huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet għall-iskjerament tal-merċenarji tal-Grupp Wagner f'diversi pajjiżi.<br>Fil-pożizzjoni tiegħu ta' kmand fi ħdan il-Grupp Wagner, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-grupp, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji.<br>Dan jinkludi t-tortura sal-mewt ta' diżertur Sirjan minn erba' membri tal-Grupp Wagner f'Ġunju 2017 fil-provinċja ta' Homs, is-Sirja. Skont eks membru tal-Grupp Wagner, Dimitriy Utkin personalment ordna t-tortura sal-mewt tad-diżertur kif ukoll l-iffilmjar tal-att. | 13.12.2021 |
| ▼M4 | | | | | |
| 17. | Stanislav Evgenievitch DYCHKO | Станислав Евгеньевич Дl-mudell чко<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Merċenarju tal-Grupp Wagner<br>Data tat-twelid: 1990<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel | Stanislav Dychko, eks-impjegat tal-pulizija ta' Stavropol, huwa merċenarju tal-Grupp Wagner.<br>Flimkien ma' tlett merċenarji oħra tal-Grupp Wagner, huwa ħa sehem fit-tortura sal-mewt ta' diżertur Sirjan f'Ġunju 2017 fil-provinċja ta' Homs, is-Sirja.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja. | 13.12.2021 |

▼M4

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 18. | Valery (Valeriy) Nikolaevich ZAKHAROV | Валерий Николаевич Захаров<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Konsulent tas-sigurtà għall-President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA)<br>ID tal-Grupp Wagner: M-5658<br>Data tat-twelid: 12.1.1970<br>Post tat-twelid: Leningrad, SFSR Russa (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel | Valery Zakharov, eks-membru tas-servizzi tas-sigurtà tal-istat Russu (FSB), huwa l-konsulent tas-sigurtà tal-President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA). Huwa figura ewlenija fl-istruttura ta' kmand tal-Grupp Wagner u għandu rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet Russi.<br>Minħabba l-pożizzjoni influwenti tiegħu fir-RĊA u r-rwol ta' tmexxija tiegħu fil-grupp Wagner, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Grupp Wagner fir-RĊA, li jinkludu eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji.<br>Dan jinkludi l-qtil ta' tliet ġurnalisti Russi fl-2018, li s-sigurtà tagħhom kienet taħt ir-responsabbiltà ta' Valery Zakharov. | 13.12.2021 |

▼M6

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 19. | Maxim SHUGALEY<br>magħruf ukoll bħala<br>Maksim SHUGALEI | Максим ШУГАЛЕЙ<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): President tal-Foundation for the Defence of National Values (FDNV)<br>Data tat-twelid: 24.2.1966<br>Post tat-twelid: Leningrad, l-eks USSR (issa St Petersburg, Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru tal-Passaport jew tal-Karta tal-Identità:<br>710508436 (Passaport Russu) | Maxim Shugaley huwa l-kap tal-Foundation for the Defence of National Values (FDNV) u jaħdem direttament taħt is-superviżjoni ta' Yevgeny Prigozhin, li huwa l-kap tal-Wagner Group. L-FDNV topera bħala l-fergħa tar-relazzjonijiet pubbliċi ta' Wagner Group u r-rwol ta' Shugaley fl-FDNV jinvolvi t-tmexxija ta' propaganda favur Wagner Group u kampanji ta' diżinformazzjoni, inkluż biex tissaħħaħ ir-reputazzjoni tal-Wagner Group u jiġi appoġġat l-iskjerament tiegħu, kif ukoll jinterferixxi bil-moħbi f'isem il-Wagner Group fid-diversi pajjiżi li huwa attiv fihom.<br>Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi inkluż il-Libja, il-Mali u r-Repubblika Ċentru-Afrikana.<br>Shugaley huwa assoċjat mal-Wagner Group u huwa responsabbli għall-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-atti tal-Wagner Group permezz ta' propaganda favur Wagner Group u diżinformazzjoni. | 25.2.2023 |

▼M6

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 20. | Aleksandr Grigorievitch MALOLETKO | Александр Григорьевич МАЛОЛЕТКО<br>(Ortografija Russa) | | Aleksandr Grigorievitch Maloletko huwa kollaboratur mill-qrib ta' Yevgeny Prigozhin. L-azzjoni tiegħu bħala "difensur tal-patrija" u bħala l-Kap tal-"Veteran's Interests Defenders League" ġie mfaħħar pubblikament minn Yevgeny Prigozhin. Huwa kien qed jaħdem bħala istruttur għall-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa assoċjat mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA u huwa responsabbli talli jappoġġja l-atti tal-Wagner Group. | 25.2.2023 |
| 21. | Konstantin Alexandrovich PIKALOV | Константин Александрович<br>ПИКАЛОВ (Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Wieħed mill-Kmandanti ta' PMC Wagner Group fl-Afrika<br>Data tat-twelid: 23.7.1968<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Konstantin Alexsandrovich Pikalov, bl-isem kodiċi "Mazaï" (Mazay), huwa wieħed mill-mexxejja tal-Wagner Group u huwa responsabbli għall-attivitajiet operazzjonali tal-Wagner Group fl-Afrika, b'mod partikolari fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa akkużat li kien l-istigatur tal-qtil ta' tliet ġurnalisti Russi f'Lulju 2018.<br>Il-Wagner Group, huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA,.<br>Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu fi ħdan il-Wagner Group, Pikalov huwa responsabbli għall-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group, fir-RCA. | 25.2.2023 |
| 22. | Dimitri SYTII<br>magħruf ukoll bħala<br>Dimitri SYTYI | Дмитрий СЫТИЙ<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Direttur tar-Russian house of Bangui<br>Data tat-twelid: 23.3.1989<br>Post tat-twelid: Minsk (Belarus)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Indirizz: NA-SYTAIA/A1-TANKISTAZ KHRUSTITS-KOGO 62 APT25/ZP-198217/CI St Petersburg, Russian Federation | Dimitri Sytii għandu rwol ewlieni fil-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), b'rabtiet mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Huwa inkarigat mit-tmexxija tal-politika ta' influwenza tal-Wagner Group fir-RCA. Huwa l-kap tal-fergħa lokali tar-Russian House, il-fergħa kulturali tar-Russian foreign ministry.<br>Il-Wagner Group, huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA,.<br>Minħabba l-pożizzjoni influwenti tiegħu fir-RCA u r-rwol ta' tmexxija tiegħu fil-Wagner Group, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group fir-RCA. | 25.2.2023 |

▼M6

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 23. | Mikhail Sergeyevich POTEPKIN | Михаил Сергеевич ПОТЕПКИН<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Direttur Meroe Gold<br>Data tat-twelid: 19.9.1981 jew 29.9.1981<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru tal-passaport: 651697952 (passaport Russu)<br>Indirizz: Sudan<br>Kumpaniji assoċjati:<br>Megaline; Concord; IT-Debugger | Mikhail Potepkin huwa direttur ta' Meroe Gold, entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan, kif ukoll huwa involut f'M-Invest, il-kumpanija omm ta' Meroe. Huwa għandu rwol prinċipali fi ħdan il-Wagner Group fis-Sudan, b'rabtiet mill-qrib għal Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. Potepkin huwa assoċjat mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tiegħu, huwa jipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi li jitwettqu fis-Sudan. | 25.2.2023 |
| 24. | Alexander Alexandrovich IVANOV | Александр Александрович ИВАНОВ<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Rappreżentant tal-istrutturi tal-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>Data tat-twelid: 14.6.1960<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Indirizz: Bangui, Repubblika Ċentru-Afrikana | Alexander Ivanov huwa l-kelliem tal-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa wkoll il-kap tal-"Uffiċċju tal-Unjoni għas-Sigurtà Internazzjonali" Russu, li bagħat lill-istrutturi militari Russi fir-RCA. Dawk l-istrutturi huma merċenarji tal-Wagner Group.<br>Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA,.<br>Fil-pożizzjoni tiegħu bħala rappreżentant uffiċjali ta' istrutturi militari Russi, huwa involut fl-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group fir-RCA. | 25.2.2023 |

▼M6

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 25. | Vitalii Viktorovitch PERFILEV | Виталий Викторович ПЕРФИЛЬЕВ<br>(Ortografija Russa) | Data tat-twelid: 11.9.1983<br>Post tat-twelid: Novossibirsk USSR (issa r-Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Indirizz: Bangui (Repubblika Ċentru-Afrikana)<br>Sess: raġel<br>Numru tal-passaport: Nru 75 2987491<br>Data tal-konsenja: 30.3.2016<br>Data ta' skadenza: 30.3.2026 | Perfilev huwa l-konsulent tas-sigurtà għall-President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa figura ewlenija fi ħdan il-Wagner Group fir-RCA.<br>Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA,.<br>Minħabba l-pożizzjoni influwenti tiegħu fir-RCA u r-rwol ta' tmexxija tiegħu fil-Wagner Group, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group fir-RCA. | 25.2.2023 |
| 26. | Andrei Sergeevich MANDEL | Андрей Сергеевич МАНДЕЛЬ<br>(Ortografija Russa) | Data tat-twelid: 2.3.1990<br>Post tat-twelid: Germany<br>Sess: raġel<br>Numru tal-passaport: 753615660 | Andrei Mandel huwa l-Kap ta' M-Invest, entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan, kif ukoll huwa involut fis-sussidjarja tagħha Meroe Gold. Huwa għandu rwol prinċipali fi ħdan il-Wagner Group fis-Sudan, b'rabtiet mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mill-qrib mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. Mandel huwa assoċjat ma' Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tiegħu, huwa jipprovdi appoġġ ukoll għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan. | 25.2.2023 |
| ▼M7<br>27. | Neda Mohammad NADEEM | نداء محمد نديم<br>(Ortografija Pashto) | Pożizzjoni(jiet): Aġent Ministru tat-Taliban għall-Edukazzjoni Għolja<br>Nazzjonalità: Afgana<br>Ġeneru: raġel | Neda Mohammed Nadeem ilu l-aġent Ministru tat-Taliban għall-Edukazzjoni Għolja mit-22 ta' Ottubru 2022.<br>Minn meta ħa l-kariga tiegħu, it-Taliban ippubblikaw digrieti li jipprojbixxu lin-nisa mill-edukazzjoni għolja fil-pajjiż kollu. Dawn id-digrieti jċaħħdu lin-nisa mid-dritt tagħhom għall-edukazzjoni kif ukoll mill-aċċess ugwali tagħhom għall-edukazzjoni, li tikser il-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala aġent Ministru tat-Taliban għall-Edukazzjoni Għolja, Neda Mohammed Nadeem huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, b'mod partikolari għall-ksur mifrux tad-dritt tan-nisa għall-edukazzjoni u d-dritt għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-edukazzjoni. | 7.3.2023 |

▼M7

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 28. | Sheikh Muhammad Khalid HANAFI | شیخ محمد خالد<br>(Ortografija Pashto) | Pożizzjoni(jiet): Aġent Ministru tat-Taliban għall-propagazzjoni tal-virtù u l-prevenzjoni tal-vizzji<br>Data tat-twelid: qrib l-1970<br>Post tat-twelid: Kolam Shaheed village, Doabi district, Nurestan province, Afghanistan<br>Nazzjonalità: Afgana<br>Ġeneru: raġel | Sheikh Muhammad Khalid Hanafi huwa l-aġent Ministru tat-Taliban għall-propagazzjoni tal-virtù u l-prevenzjoni tal-vizzji, li jissostitwixxi l-Ministru għall-affarijiet tan-nisa.<br>Minn meta ħa l-kariga tiegħu, it-Taliban ippubblikaw digrieti li jirrestrinġu l-libertà u d-dinjità tan-nisa u l-bniet fil-pajjiż kollu, irażżnu l-libertà tal-kelma u tal-espressjoni tagħhom, u imponew pieni ħorox u vjolenza fuq dawk li ma jirrispettawx l-ordnijiet tat-Taliban.<br>B'mod partikolari, matul iż-żmien tiegħu fil-kariga, ġew ippubblikati digrieti dwar il-ħiġab kif ukoll skedi ta' żmien segregati skont il-ġeneru għall-użu ta' spazji pubbliċi.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala aġent Ministru tat-Taliban għall-propagazzjoni tal-virtù u l-prevenzjoni tal-vizzji, Sheikh Muhammad Khalid Hanafi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, b'mod partikolari għall-ksur mifrux tad-drittijiet tan-nisa, bħal-libertà tal-espressjoni tagħhom, kif ukoll id-dritt għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. | 7.3.2023 |
| 29. | Alexander Georgievich FEDORINOV | Александр Георгиевич ФЕДОРИНОВ<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): uffiċjal kmandant ta' Moscow Police Station<br>Grad: Logutenent Kurunell<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel | Il-Logutenent Kurunell Alexander Georgievich Fedorinov huwa uffiċjal kmandant ta' Moscow Police Station.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala aġent kap tal-għassa tal-pulizija f'Marzu 2022, huwa awtorizza l-arrest u d-detenzjoni arbitrarji, kif ukoll it-tortura sussegwenti, ta' dimostranti nisa kontra l-gwerra.<br>Għaldaqstant, Alexander Georgievich Fedorinov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji kif ukoll vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika. | 7.3.2023 |
| 30. | Ivan RYABOV | Иван РЯБОВ<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): uffiċjal tal-pulizija f'Moscow Police Station<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel | Ivan Ryabov huwa uffiċjal tal-pulizija f'Moscow Police Station.<br>Fuq l-ordnijiet tal-Logutenent Kurunell Alexander Georgievich Fedorinov, huwa żamm u ttortura b'mod arbitrarju dimostranti nisa kontra l-gwerra f'Marzu 2022. Il-vittmi jirrappurtaw li sawwathom, fgahom b'basktijiet tal-plastik u abbużahom fiżikament u verbalment għal sitt sigħat.<br>Għaldaqstant, Ivan Ryabov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji. | 7.3.2023 |

▼M7

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 31. | Nikolay Anatolevich KUZNETSOV<br>magħruf ukoll bħala Nikolaj Anatolevich Kuznetsov, Nikolaj Kuznetsov, Nikolay Kuznetsov | Николай Анатольевич Кузнецов<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Membru tal-forzi armati tal-Federazzjoni Russa, kmandant tal-unità tal-forzi speċjali tad-diviżjoni ta' Dzerzhinsky ta' Rosgvardia (Federal Service of National Guard Troops of the Russian Federation)<br>Grad: Maġġur Ġeneral<br>Data tat-twelid: 13.4.1978<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel<br>Numru tal-identità tat-taxxa: 645407737871 | Il-Ġeneral Maġġur Nikolay Anatolevich Kuznetsov huwa membru tal-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u kmandant tal-unità tal-forzi speċjali tad-diviżjoni ta' Dzerzhinsky ta' Rosgvardia (Federal Service of National Guard Troops of the Russian Federation).<br>L-unità ta' Kuznetsov kienet parti mill-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russja u membri tal-unità tiegħu pparteċipaw b'mod sistematiku f'atti ta' vjolenza sesswali u stupru fl-Ukrajna f'Marzu/April 2022.<br>L-iskala u s-severità tal-atti ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru li qed iseħħu f'żoni tal-Ukrajna okkupati mir-Russja jindikaw "ippjanar fuq livell aktar sistematiku" u l-kmandanti Russi konxji tal-vjolenza sesswali mill-persunal militari fl-Ukrajna u, f'xi każijiet "inkoraġġew jew saħansitra ordnaw din il-vjolenza".<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala kmandant tal-unità, Kuznetsov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika. | 7.3.2023 |
| 32. | Ramil Rakhmatulovich IBATULLIN | Рамиль Рахматуллович Ибатуллин<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Membru tal-forzi armati tal-Federazzjoni Russa, eks kmandant tan-90th guards tank division<br>Grad: Kurunell<br>Data tat-twelid: 22.10.1976<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel<br>Numru tal-identità tat-taxxa: 631409144707<br>Numru tal-persunal tal-forzi armati Russi: U-927425 | Il-Kurunell Ramil Rakhmatulovich Ibatullin serva fit-truppi ta' okkupazzjoni Russi fir-reġjun ta' Donbas (2014-2017) u ħa sehem fl-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russja bħala kmandant tan-90th guards tank division.<br>F'Marzu 2022, id-diviżjoni taħt il-kmand tiegħu ħadet sehem fl-offensiva kontra Chernihiv u Kiev. Matul l-offensiva, il-membri tad-diviżjoni tiegħu wettqu atti ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru kontra l-popolazzjoni ċivili Ukrena.<br>Wara li dawn il-fatti saru pubbliċi, il-Ministeru Russu għad-Difiża ippromwova lil Ibatullin fil-grad ta' kurunell.<br>L-awtoritajiet Ukreni akkużaw lil diversi membri tatan-90th guards tank division b'allegazzjonijiet ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż l-istupru ta' mara tqila qrib Kiev, il-qtil ta' persuna ċivili wara li stupraw ripetutament lil martu fil-preżenza ta' tifel żgħir, kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' membri ta' din id-diviżjoni fi stupri minn diversi persuni fuq l-istess vittma.<br>L-iskala u s-severità tal-atti ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru li qed iseħħu f'żoni tal-Ukrajna okkupati mir-Russja jindikaw "ippjanar fuq livell aktar sistematiku" u l-kmandanti Russi konxji tal-vjolenza sesswali mill-persunal militari fl-Ukrajna u, f'xi każijiet, li "inkoraġġew jew saħansitra ordnaw din il-vjolenza".<br>Għaldaqstant, Ibatullin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika. | 7.3.2023 |

▼M7

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 33. | Gatluak Nyang HOTH | | Pożizzjoni(jiet): Kummiss-jarju tal-kontea għall-kontea ta' Mayiandit<br>Nazzjonalità: Sud Sudaniż<br>Ġeneru: raġel | Gatluak Nyang Hoth ilu l-kummissarju tal-kontea għall-kontea ta' Mayiandit (Unity State, is-Sudan t'Isfel) minn Frar 2021.<br>F'din il-pożizzjoni, huwa kkmanda milizzji allinjati mal-gvern biex iwettqu attakki fin-Nofsinhar ta' Unity State, bejn Frar u Mejju 2022. Matul dan il-perjodu, it-truppi taħt il-kmand tiegħu għamlu użu mifrux u sistematiku tal-vjolenza sesswali bħala tattika tal-gwerra u strumentalizzawha bħala premju u intitolament għall-irġiel li jipparteċipaw fil-kunflitt.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala kummissarju tal-kontea, Hoth huwa għalhekk respon-sabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan t'Isfel, inkluż għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa. | 7.3.2023 |
| 34. | Gordon Koang BIEL<br>Magħruf ukoll bħala Gordon Koang Char BIEL, Koang Biel CHAR, Koang NYALUALGO | | Pożizzjoni(jiet): Kummissarju tal-kontea għall-kontea ta' Koch<br>Post tat-twelid: is-Sudan t'Isfel<br>Nazzjonalità: Sud Sudaniż<br>Ġeneru: raġel | Gordon Koang Biel ilu l-kummissarju tal-kontea għall-kontea ta' Koch (Unity State, is-Sudan t'Isfel) minn Frar 2021.<br>F'din il-pożizzjoni, huwa kkmanda milizzji allinjati mal-gvern biex iwettqu attakki fin-Nofsinhar ta' Unity State, bejn Frar u Mejju 2022. Matul dan il-perjodu, it-truppi taħt il-kmand tiegħu għamlu użu mifrux u sistematiku tal-vjolenza sesswali bħala tattika tal-gwerra u strumentalizzawha bħala premju u intitolament għall-irġiel li jipparteċipaw fil-kunflitt.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala kummissarju tal-kontea, Biel huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan t'Isfel, inkluż għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa. | 7.3.2023 |
| 35. | Toe UI | | Pożizzjoni(jiet): Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni<br>Grad: Maġġur Ġeneral<br>Nazzjonalità: Myanmar/ Burma<br>Ġeneru: raġel | Il-Ġeneral Maġġur Toe Ui ġie appuntat Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni fit-3 ta' Frar 2023. Huwa l-viċi kmandant preċedenti ta' Office of the Chief of Military Security Affairs (OCMSA). OCMSA huwa responsabbli għall-ġestjoni taċ-ċentri ta' detenzjoni u interrogazzjoni fil-Myanmar/Burma u nkarigat bil-ġbir ta' intelligence.<br>Il-persunal tal-OCMSA taħt l-awtorità ta' Ui juża nudità sfurzata, stupru, xokkijiet elettriċi, ħruq ta' ġenitali u vjolenza eċċessiva matul id-detenzjoni arbitrarja u l-interrogazzjoni ta' rġiel, nisa u membri tal-komunità LGBTIQ.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala viċi kmandant, il-Maġġur Ġenerali Toe Ui huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma, inkluż detenzjonijiet arbitrarji u tortura, kif ukoll għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa. | 7.3.2023 |

▼M1

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| ▼M8 | | | | | |
| 36. | Oleg Mikhailovich SVIRIDENKO | Олег Михайлович СВИРИДЕНКО<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Viċi Ministru għall-Ġustizzja tar-Russian Federation<br>Data tat-twelid: 29.7.1962<br>Post tat-twelid: Potapovka, Buda-Koshelyovsky district, Gomel region, Belarus<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru tal-Kontribwent Individwali: 772704610955 | Bħala Viċi Ministru għall-Ġustizzja tal-Federazzjoni Russa, Oleg Sviridenko jissorvelja direttament id-Dipartiment tal-Leġiżlazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi fis-Sfera ta' Organizzazzjonijiet Mhux Kummerċjali kif ukoll id-Dipartiment tal-Protezzjoni tal-Interess Nazzjonali mill-Influwenza Esterna, li huma responsabbli għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-"aġenti barranin", inkluż l-awtorità li jiddeċiedu dwar deżinjazzjonijiet fil-"Lista ta' Aġenti Barranin".<br>Il-leġiżlazzjoni dwar l-"aġenti barranin" kienet fil-qalba ta' mewġa ta' liġijiet repressivi li jrażżnu s-soċjetà ċivili indipendenti, il-media kif ukoll individwi dissidenti, filwaqt li jiksru l-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni tagħhom. Bħala konsegwenza, mijiet ta' NGOs u individwi, ħafna personalitajiet prominenti tas-soċjetà ċivili Russa u l-avversarji politiċi tal-Kremlin, inkluż Vladimir Kara-Murza, ġew inklużi fil-Lista ta' Aġenti Barranin li jaqgħu direttament taħt ir-responsabbiltà ta' Sviridenko fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk, Sviridenko huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 5.6.2023 |
| 37. | Andrei Andreevich ZADACHIN | Андрей Андреевич ЗАДАЧИН<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Investigatur tal-Major Investigative Unit at the Investigative Committee of the Russian Federation; Maġġur<br>Data tat-twelid: 22.8.1990<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru tal-Kontribwent Individwali: 771577190559 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Investigatur tal-Unità Investigattiva Ewlenija fil-Kumitat Investigattiv (Major Investigative Unit at the Investigative Committee) tal-Federazzjoni Russa, Zadachin ħareġ akkuża kriminali politikament motivata kontra Vladimir Kara-Murza. Zadachin talab ukoll lill-qorti biex Kara-Murza jiġi detenut u pprovda xhieda li ssostni dan fil-qorti.<br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz bdew kontrih fl-2022 wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna pubblikament l-aggressjoni Russa. F'April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex irażżnu l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern billi esprimew | |

▼**M8**

| | ►**M2** Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►**M2** Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | oppożizzjoni għall-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f’għadd kbir ta’ każijiet ta’ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b’mod sistematiku u sever id-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà ta’ opinjoni u ta’ espressjoni tagħhom.<br><br>Għaldaqstant, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur tal-libertà ta’ opinjoni u ta’ espressjoni. | |
| 38. | Danila Yurievich MIKHEEV | Данила Юрьевич МИХЕЕВ<br><br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Direttur ta’ organizzazzjoni mingħajr skop ta’ qligħ “Independent expert”<br><br>Data tat-twelid: 1.3.1999<br><br>Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru tal-Kontribwent Individwali: 771577190559 | Mikheev iservi bħala “xhud espert” għall-gvern Russu f’kawżi tal-qorti politikament motivati. Huwa aġixxa bħala espert fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati kontra Vladimir Kara-Murza.<br><br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Proċedimenti tal-qorti b’motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz bdew kontrih fl-2022 wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna pubblikament l-aggressjoni Russa. F’April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f’ħabs/kamp tax-xogħol ta’ sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta’ proċess farsa fir-Russja biex irażżnu l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern billi esprimew oppożizzjoni għall-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f’għadd kbir ta’ każijiet ta’ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b’mod sistematiku u sever id-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà ta’ opinjoni u ta’ espressjoni tagħhom.<br><br>Għaldaqstant, permezz tal-attivitajiet tiegħu, huwa responsabbli li appoġġa ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur tal-libertà ta’ opinjoni u ta’ espressjoni. | 5.6.2023 |

▼M8

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 39. | Denis Vladimirovich KOLESNIKOV | Денис Владимирович КОЛЕСНИКОВ (Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Investigative Department at the Investigative Committee of the Russian Federation. Grad ta' Logutenent Ġeneral.<br>Data tat-twelid: 29.6.1976<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment Investigattiv fil-Kumitat Investigattiv (Investigative Department at the Investigative Committee) tal-Federazzjoni Russa, Kolesnikov awtorizza l-ħruġ ta' akkuża kriminali politikament motivata kontra Vladimir Kara-Murza.<br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz bdew kontrih fl-2022 wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna pubblikament l-aggressjoni Russa. F'April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex irażżnu l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern billi esprimew oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u sever id-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.<br>Għaldaqstant, fil-pożizzjoni tiegħu huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 5.6.2023 |
| 40. | Diana Igorevna MISHCHENKO<br>(Kunjom ta' xebba: GARIPOVA) | Диана Игоревна МИЩЕНКО<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Khamovniki District Court of Moscow<br>Data tat-twelid: 12.5.1977<br>Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: Mara | Fil-pożizzjoni tagħha bħala Mħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Khamovniki (Khamovniki District Court) ta' Moska, Mishchenko hija involuta fil-kawża tal-qorti politikament motivata kontra Vladimir Kara-Murza. Hija tat sentenza biex tapprova l-arrest amministrattiv ta' Kara-Murza għal 15-il jum.<br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz bdew kontrih fl-2022 wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna pubblikament l-aggressjoni Russa. F'April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex irażżnu l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern billi esprimew oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża | 5.6.2023 |

▼M8

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u sever id-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.<br>Għaldaqstant, hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | |
| 41. | Elena Anatolievna LENSKAYA | Елена Анатольевна ЛЕНСКАЯ<br>(Ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Basmaniy District Court of Moscow<br>Data tat-twelid: 22.1.1979<br>Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: Mara<br>Numru tal-Kontribwent Individwali: 770905658030 | Fil-pożizzjoni tagħha bħala Mħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Basmaniy (Basmaniy District Court) ta' Moska, Lenskaya hija involuta fil-kawża tal-qorti politikament motivata kontra Vladimir Kara-Murza. Hija ħarġet id-deċiżjoni biex tapprova l-arrest ta' Kara-Murza għal xahrejn.<br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz bdew kontrih fl-2022 wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna pubblikament l-aggressjoni Russa. F'April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex irażżnu l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern billi esprimew oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u sever id-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.<br>Għaldaqstant, hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 5.6.2023 |
| 42. | Ilya Pavlovich KOZLOV | Илья Павлович КОЗЛОВ<br>(Ortografija Russa) | Funzjoni: Imħallef tal-Moscow City Court<br>Data tat-twelid: 17.10.1973<br>Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Mħallef tal-Qorti tal-Belt (City Court) ta' Moska, Kozlov huwa involut fil-kawża tal-qorti politikament motivata kontra Vladimir Kara-Murza. Huwa ċaħad it-talba għall-appell ta' Kara-Murza dwar l-arrest amministrattiv tiegħu.<br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz bdew kontrih fl-2022 wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna pubblikament l-aggressjoni Russa. F'April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' | 5.6.2023 |

▼M8

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | proċess farsa fir-Russja biex irażżnu l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern billi esprimew oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u sever id-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.<br><br>Għaldaqstant, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | |
| 43. | Sergei Gennadievich PODOPRIGOROV | Сергей Геннадьевич ПОДОПРИГОРОВ<br><br>(Ortografija Russa) | Funzjoni: Imħallef tal-Moscow City Court<br><br>Data tat-twelid: 8.1.1974<br><br>Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Indirizz<br><br>Shmitovskiy Proyezd, 16c2, Moscow, Russia, 123100. Apartment 52.<br><br>(Шмитовский пр-д, 16c2, Москва, Россия, 123100. Квартира 52) | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Mħallef tal-Qorti tal-Belt (City Court) ta' Moska, Podoprigorov huwa involut fil-kawża tal-qorti politikament motivata kontra Vladimir Kara-Murza. Huwa ppresieda l-kulleġġ tal-Imħallfin fil-Qorti tal-Belt ta' Moska li fis-17 ta' April 2023 ikkundanna lill-attivist tal-oppożizzjoni Kara-Murza għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja.<br><br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz bdew kontrih fl-2022 wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna pubblikament l-aggressjoni Russa. F'April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex irażżnu l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern billi esprimew oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u sever id-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.<br><br>Qabel, Podoprigorov, bħala Mħallef fil-qorti distrettwali ta' Tverskoi ta' Moska, għamel żewġ deċiżjonijiet fir-rigward ta' Sergei Magnitsky, li kixef il-korruzzjoni u l-imġiba ħażina minn uffiċjali tal-gvern Russu, u aktar tard ġie ppersegwitat u miet f'ħabs Russu.<br><br>Għaldaqstant, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 5.6.2023 |

▼M8

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 44. | Dmitriy Viktorovich KOMNOV | Дмитрий Викторович КОМНОВ<br>(Ortografija Russa) | Funzjoni: Logutenent Kurunell, Kap taċ-ċentru ta' arrest preventiv ta' Moska - SIZO-5 "Vodnik".<br>Data tat-twelid: 17.5.1977<br>Post tat-twelid: Kashira Region, Moscow, Russian Federation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Komnov huwa uffiċjal għoli tas-sistema penitenzjarja Russa. Huwa l-Kap taċ-ċentru ta' arrest preventiv ta' Moska SIZO-5 "Vodnik," fejn qed jinżamm Vladimir Kara-Murza.<br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz bdew kontrih fl-2022 wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna pubblikament l-aggressjoni Russa. F'April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex irażżnu l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern billi esprimew oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u sever id-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.<br>Il-kundizzjoni tas-saħħa ta' Kara-Murza ddeterjorat b'mod konsiderevoli minn meta bdiet id-detenzjoni tiegħu f'April 2022. Komnov huwa responsabbli għat-trattament degradanti ta' Kara-Murza peress li ntbagħat f'ċellola ta' kastig minkejja disturb serju fin-nervituri kkawżat minn żewġ avvelenamenti preċedenti.<br>It-trattament ħażin ta' Kara-Murza fiċ-ċentru ta' arrest preventiv ġestit minn Komnov jikkonferma x-xejra ta' prattika stabbilita ta' trattament inuman ta' avversarji tar-reġim detenuti. Huwa kien il-gwardja taċ-ċentru ta' arrest preventiv "Butyrka" fi żmien meta l-kundizzjonijiet intollerabbli wasslu għall-mewt tal-attivist kontra l-korruzzjoni Sergei Magnitsky.<br>Għalhekk, Komnov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż trattament degradanti u ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 5.6.2023 |
| ▼M9 | | | | | |
| 45. | Oleg Anatolyevich BARANOV | Олег Анатольевич БАРАНОВ<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska; Logutenent Ġenerali tal-Pulizija | Oleg Baranov huwa l-Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska. F'dan ir-rwol, huwa jissorvelja l-forzi tal-pulizija, l-investigaturi kriminali, il-faċilitajiet ta' detenzjoni, iċ-Ċentru għall-Ġlieda kontra l-Estremiżmu u unitajiet oħra tal-infurzar tal-liġi f'Moska. | 20.7.2023 |

▼M9

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Data tat-twelid: 16.3.1969<br>Post tat-twelid: Potsdam, Germany<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati:<br>Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska<br>Center for Combating Extremism (Ċentru għall-Ġlieda kontra l-Estremiżmu);<br>Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska;<br>NTechLab;<br>Tevian | Id-Direttorat Ewlieni għall-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska taħt il-kmand tiegħu wettaq monitoraġġ u detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiċi b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u f'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Fittex u żamm detenuti lil dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevitaw il-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għal dawn il-finijiet, uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni.<br>Għalhekk, Oleg Baranov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. | |
| 46. | Eduard Anatolyevich LYSENKO | Эдуард Анатольевич ЛЫСЕНКО<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Ministru tal-Gvern ta' Moska; Kap tad-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska<br>Data tat-twelid: 22.1.1975<br>Post tat-twelid: Yaroslavl, Russian SFSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Ġeneru: raġel<br>Individwi assoċjati:<br>Natalia Sergunina | Eduard Lysenko huwa Ministru fil-Gvern ta' Moska u l-Kap tad-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska.<br>Id-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska jiżviluppa u juża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska. Jibgħat data mis-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ lill-unitajiet tal-infurzar tal-liġi tad-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska.<br>Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni, partikolarment għall-monitoraġġ u d-detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiċi b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u f'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Is-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ intużat ukoll mid-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska biex isib u jżomm detenuti lil dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevitaw il-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. | 20.7.2023 |

▼M9

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Entitajiet assoċjati: Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska; Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska | Għaldaqstant, Eduard Lysenko huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. | |
| 47. | Natalia Alekseevna SERGUNINA | Наталья Алексеевна СЕРГУНИНА (ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Viċi Sindku fil-Gvern ta' Moska; Kap tal-Apparat tas-Sindku u l-Gvern ta' Moska<br>Data tat-twelid: 22.8.1978<br>Post tat-twelid: Moscow, Russian SFSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara<br>Indirizz: (Uffiċċju) Voznesensky pereulok, 22, 125009 Moscow, Russian Federation<br>Individwi assoċjati: Eduard Lysenko<br>Entitajiet assoċjati: Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska; Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska;<br>Informazzjoni oħra ta' identifikazzjoni: Tel.: +74956298447 (uffiċċju) | Natalia Sergunina hija Viċi Sindku ta' Moska. Id-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska, li jaqa' fil-kompetenza tagħha, jiżviluppa u jużа s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska. Jibgħat data mis-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ lill-unitajiet tal-infurzar tal-liġi tad-Direttorat Ewlieni għall-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska.<br>Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni, partikolarment għall-monitoraġġ u d-detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiċi b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u f'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Is-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ intużat ukoll mid-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska biex isib u jżomm detenuti lil dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevadu l-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għaldaqstant, Natalia Sergunina hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. | 20.7.2023 |

▼M9

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 48. | Dmitry Yurievich NOZHKIN | Дмитрий Юрьевич НОЖКИН<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Kap tal-ħabs IK-6 fir-reġjun ta' Vladimir<br>Data tat-twelid: 3.7.1981<br>Indirizz: Suzdalskay St., 118, Vladimir, Vladimir region, Russia, 600009<br>Numru tal-Kontribwent Individwali: 583520944622 | Dmitry Nozhkin huwa l-kap tal-kolonja penali IK-6 f'Melekhovo, Reġjun ta' Vladimir, fejn il-mexxej Russu tal-oppożizzjoni politika Alexei Navalny ilu jinżamm minn meta ngħata s-sentenza tiegħu f'Marzu 2022.<br>Navalny ġie soġġett għal diversi ċikli ta' reklużjoni f'ċella ta' kastig għal aktar minn 100 jum minn Awwissu 2022, li kkontribwew biex saħħtu marret drastikament għall-agħar. Il-metodi użati mit-tmexxija tal-kolonja (fost oħrajn bl-użu ta' dwal LED ultra qawwijin) jikkostitwixxu pieni krudili, inumani u degradanti fil-kolonja penali IK-6, li għalihom Dmitry Nozhkin għandu responsabbiltà immedjata bħala kap tal-faċilità.<br>Għaldaqstant, Dmitry Nozhkin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 20.7.2023 |
| 49. | Yuri Alexandrovich FOMIN | Юрий Александрович ФОМИН<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-ħabs IK-6 fir-reġjun ta' Vladimir<br>Data tat-twelid: 28.08.1986<br>Indirizz: Komsomolskaya St., 95/2, 13, Kovrov, Vladimir region, Russia, 601914 | Yuri Fomin huwa viċi kap tal-kolonja penali IK-6 f'Melekhovo, Reġjun ta' Vladimir, fejn il-mexxej Russu tal-oppożizzjoni politika Alexei Navalny ilu jinżamm minn meta ngħata s-sentenza tiegħu f'Marzu 2022.<br>Navalny ġie soġġett għal diversi ċikli ta' reklużjoni f'ċella ta' kastig għal aktar minn 100 jum minn Awwissu 2022, li kkontribwew biex saħħtu marret drastikament għall-agħar. Il-metodi użati mit-tmexxija tal-kolonja (fost oħrajn bl-użu ta' dwal LED ultra qawwijin) jikkostitwixxu pieni krudili, inumani u degradanti fil-kolonja penali IK-6, li għalihom Yuri Fomin għandu responsabbiltà immedjata bħala viċi kap tal-faċilità.<br>Għaldaqstant, Yuri Fomin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 20.7.2023 |

▼M9

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 50. | Danila Andreevich SINYUKHIN | Данила Андреевич СИНЮХИН<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-ħabs IK-6 fir-reġjun ta' Vladimir<br>Data tat-twelid: 8.8.1990<br>Indirizz: Narodnaya St., 8, 91, Vladimir, Vladimir region, Russia, 600026 | Danila Sinyukhin huwa viċi kap tal-kolonja penali IK-6 f'Melekhovo, Reġjun ta' Vladimir, fejn il-mexxej Russu tal-oppożizzjoni politika Alexei Navalny ilu jinżamm minn meta ngħata s-sentenza tiegħu f'Marzu 2022.<br>Navalny ġie soġġett għal diversi ċikli ta' reklużjoni f'ċella ta' kastig għal aktar minn 100 jum minn Awwissu 2022, li kkontribwew biex saħħtu marret drastikament għall-agħar. Il-metodi użati mit-tmexxija tal-kolonja (fost oħrajn bl-użu ta' dwal LED ultra qawwijin) jikkostitwixxu pieni krudili, inumani u degradanti fil-kolonja penali IK-6, li għalihom Danila Sinyukhin għandu responsabbiltà immedjata bħala viċi kap tal-faċilità.<br>Għaldaqstant, Danila Sinyukhin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 20.7.2023 |
| 51. | Anatoly Alekseevich GORSHKOV | Анатолий Алексеевич ГОРШКОВ<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-ħabs IK-6 fir-reġjun ta' Vladimir<br>Data tat-twelid: 6.5.1984<br>Indirizz: Sergey Lazo St., 4/1, 75, Kovrov, Vladimir region, Russia, 601911 | Anatoly Gorshkov huwa viċi kap tal-kolonja penali IK-6 f'Melekhovo, Reġjun ta' Vladimir, fejn il-mexxej Russu tal-oppożizzjoni politika Alexei Navalny ilu jinżamm minn meta ngħata s-sentenza tiegħu f'Marzu 2022.<br>Navalny ġie soġġett għal diversi ċikli ta' reklużjoni f'ċella ta' kastig għal aktar minn 100 jum minn Awwissu 2022, li kkontribwew biex saħħtu marret drastikament għall-agħar. Il-metodi użati mit-tmexxija tal-kolonja (fost oħrajn bl-użu ta' dwal LED ultra qawwijin) jikkostitwixxu pieni krudili, inumani u degradanti fil-kolonja penali IK-6, li għalihom Anatoly Gorshkov għandu responsabbiltà immedjata bħala viċi kap tal-faċilità.<br>Għaldaqstant, Anatoly Gorshkov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 20.7.2023 |

▼M9

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 52. | Dmitry Ivanovich MAKORIN | Дмитрий Иванович МАКОРИН (ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-ħabs IK-6 fir-reġjun ta' Vladimir<br>Data tat-twelid: 23.6.1984<br>Indirizz: Dachny proezd, 3, apt. 3, Melehovo, Vladimir region, Russia | Dmitry Makorin huwa viċi kap tal-kolonja penali IK-6 f'Melekhovo, Reġjun ta' Vladimir, fejn il-mexxej Russu tal-oppożizzjoni politika Alexei Navalny ilu jinżamm minn meta ngħata s-sentenza tiegħu f'Marzu 2022.<br>Navalny ġie soġġett għal diversi ċikli ta' reklużjoni f'ċella ta' kastig għal aktar minn 100 jum minn Awwissu 2022, li kkontribwew biex saħħtu marret drastikament għall-agħar. Il-metodi użati mit-tmexxija tal-kolonja (fost oħrajn bl-użu ta' dwal LED ultra qawwijin).<br>Għaldaqstant, Dmitry Makorin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 20.7.2023 |
| 53. | Mikhail Alekseevich NEIMOVICH | Михаил Алексеевич НЕИМОВИЧ (ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Logutenent fil-ħabs IK-6 fir-reġjun ta' Vladimir<br>Data tat-twelid: 25.11.1997<br>Indirizz: Muromskaya St., 9, 22, Kovrov, Vladimir region, Russia, 601909 | Mikhail Neimovich huwa logutenent tas-Servizz Penitenzjarju Federali fil-kolonja penali IK-6 f'Melekhovo, Reġjun ta' Vladimir, fejn il-mexxej Russu tal-oppożizzjoni politika Alexei Navalny ilu jinżamm minn meta ngħata s-sentenza tiegħu f'Marzu 2022.<br>Navalny ġie soġġett għal diversi ċikli ta' reklużjoni f'ċella ta' kastig għal aktar minn 100 jum minn Awwissu 2022, li kkontribwew biex saħħtu marret drastikament għall-agħar. Il-metodi użati mit-tmexxija tal-kolonja (fost oħrajn bl-użu ta' dwal LED ultra qawwijin) jikkostitwixxu pieni krudili, inumani u degradanti fil-kolonja penali IK-6, li għalihom Mikhail Neimovich għandu responsabbiltà immedjata.<br>Għaldaqstant, Mikhail Neimovich huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni. | 20.7.2023 |

▼**M9**

| | ►**M2** Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►**M2** Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 54. | Alexey Ivanovich GIRICHEV | Алексей Иванович ГИРИЧЕВ<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): (Eks) Kap Reġjonali tal-FSIN fir-reġjun ta' Vladimir (Servizz Penitenzjarju Federali) sa Marzu 2023;<br>viċi kap attwali tal-FSIN<br>Data tat-twelid: 3.8.1975<br>Post tat-twelid: Kalach, Kalacheyevsky District, Voronezh Oblast, Russian SFSR (issa Russian Federation)<br>Indirizz: (preċedentement) Zoe Kosmodemyanskaya St., 5 Corps 1, 95, Kovrov, Vladimir Region, Russia, 601911<br>Numru tal-Kontribwent Individwali: 382101379684 | Aleksey Girichev huwa l-viċi Kap tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN), li ilu jżomm lill-mexxej Russu tal-oppożizzjoni politika Alexei Navalny priġunier sa minn meta ngħata s-sentenza tiegħu f'Marzu 2022.<br>Navalny ġie soġġett għal diversi ċikli ta' reklużjoni f'ċella ta' kastig għal aktar minn 100 jum minn Awwissu 2022, li kkontribwew biex saħħtu marret drastikament għall-agħar. Il-metodi użati mit-tmexxija tal-kolonja (fost oħrajn bl-użu ta' dwal LED ultra qawwijin) jikkostitwixxu pieni krudili, inumani u degradanti fil-kolonja penali IK-6, li għalihom Alexsey Girichev għandu responsabbiltà diretta bħala viċi kap tal-FSIN.<br>Għaldaqstant, Alexsey Girichev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji. | 20.7.2023 |
| 55. | Arkady Alexandrovich GOSTEV | Аркадий Александрович ГОСТЕВ<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Direttur tal-FSIN (eks Viċi Ministru għall-Intern, sal-2021)<br>Data tat-twelid: 11.2.1961<br>Post tat-twelid: Shatsky District, Ryazan Region, Russian SFSR (issa Russian Federation)<br>Indirizz: lobachevskogo, 92-12, Moscow, 117453<br>Numru tal-Passaport: 620120675 | Arkady Gostev huwa d-Direttur tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN), li ilu jżomm lill-mexxej Russu tal-oppożizzjoni politika Alexei Navalny priġunier sa minn meta ngħata s-sentenza tiegħu f'Marzu 2022.<br>Navalny ġie soġġett għal diversi ċikli ta' reklużjoni f'ċella ta' kastig għal aktar minn 100 jum minn Awwissu 2022, li kkontribwixxa biex saħħtu marret drastikament għall-agħar. Il-metodi użati mit-tmexxija tal-kolonja (fost oħrajn bl-użu ta' dwal LED ultra qawwijin) jikkostitwixxu pieni krudili, inumani u degradanti fil-kolonja penali IK-6, li għalihom Arkady Gostev għandu responsabbiltà diretta bħala l-viċi kap tal-FSIN.<br>Għaldaqstant, Arkady Gostev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji. | 20.7.2023 |

▼M9

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 56. | Alexander Alexandrovitch<br>SAMOFAL | Александр Александрович<br>САМОФАЛ<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Aġent tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa<br>Data tat-twelid: 23.8.1981<br>Post tat-twelid: Moscow, Russian SFSR (issa Russian Federation)<br>Indirizz: (preċedentement) Military Unit 2568, FSB Border Service Academy, Golitsyno, Russian Federation | Alexander Samofal huwa uffiċjal tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB). F'dik il-kapaċità, huwa kien personalment involut f'operazzjoni tal-FSB biex jiġi assassinat Wladimir Kara-Murza, figura ewlenija tal-oppożizzjoni Russa, bl-użu ta' newrotossina. L-avvelenament kważi fatali għamel ħsara serja lis-saħħa ta' Kara-Murza, u ħalla impatt negattiv fuq il-kundizzjoni fiżika fit-tul tiegħu.<br>Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Fl-2022 infetħu proċedimenti tal-qorti motivati politikament kontrih imsejsa fuq allegazzjonijiet foloz wara li akkuża lill-Kremlin bit-twettiq ta' delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u wara li kkundanna l-aggressjoni Russa pubblikament. F'April 2023, huwa ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol b'sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitrażżnu milli jleħħnu oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għaldaqstant, Alexander Samofal huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. | 20.7.2023 |
| ▼M10 | | | | | |
| 57. | Habibullah AGHA<br>magħruf ukoll bħala.<br>Mawlawi, Maulvi, Hadith, Sheikh | حبيب الله اغا<br>(Ortografija Pashto) | Pożizzjoni(jiet): Aġent Ministru tat-Taliban għall-Edukazzjoni<br>Data tat-twelid: 1954 jew 1955<br>Post tat-twelid: Vach Bakhto, Shah Wali Kot, Kandahar province, Afghanistan<br>Nazzjonalità: Afgana<br>Sess: raġel | Habibullah Agha nħatar bħala aġent Ministru tat-Taliban għall-Edukazzjoni f'Settembru 2022. F'din il-kapaċità, Habibullah Agha implimenta l-politika tat-Taliban li tiċħad l-aċċess tal-bniet għall-edukazzjoni sekondarja billi estenda l-projbizzjoni fuq l-istudenti nisa milli jipparteċipaw fl-edukazzjoni sekondarja lil hinn mis-sitt sena.<br>Barra minn hekk, Habibullah Agha aggrava personalment il-politiki eżistenti li jiddiskriminaw kontra l-ġeneru tat-Taliban billi ordna l-għeluq ta' ċentri tal-edukazzjoni privati u mmexxija minn NGOs li qabel kienu jservu bħala post ta' edukazzjoni għall-bniet. Għalhekk, huwa jerfa' r-responsabbiltà personali għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, b'mod partikolari l-impożizzjoni ta' repressjoni sistematika abbażi tal-ġeneru fis-settur tal-edukazzjoni. Huwa personalment responsabbli għall-ksur kontinwu tad-dritt fundamentali tal-bniet Afgani għall-edukazzjoni sekondarja u d-dritt għat-trattament ugwali bejn is-subien u l-bniet fil-qasam tal-edukazzjoni sekondarja, b'hekk ikompli jeskludi l-bniet mis-soċjetà.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala aġent Ministru tat-Taliban għall-Edukazzjoni, huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, b'mod partikolari għall-ksur tad-dritt tal-bniet u tan-nisa għall-edukazzjoni u d-dritt għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. | 20.7.2023 |

▼M10

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 58. | Abdul Hakim HAQQANI<br>magħruf ukoll bħala<br>Mawlawi Sheikh Abdul Hakim Haqqani Ishaqzai;<br>"Shaikhul Hadis" Maulvi Abdul Hakim "Haqqani" | شيخ الحديث مولوي عبدالحكيم حقاني<br>لقضات شيخ عبدالحكيم حقاني<br>(Ortografija Pashto) | Pożizzjoni(jiet): Aġent Prim Imħallef tat-Taliban tal-Qorti Suprema tal-Afganistan<br>Qazi al-Quzzat (Imħallef Suprem)<br>Data tat-twelid: 1967<br>Post tat-twelid: Panjwayi, Kandahar province, Afghanistan<br>Nazzjonalità: Afgana<br>Sess: raġel | Abdul Hakim Haqqani huwa l-aġent Prim Imħallef attwali tat-Taliban tal-Qorti Suprema tal-Afganistan, maħtur mit-tmexxija Talibana fl-2021. F'din il-kapaċità, huwa uża b'mod effettiv is-sistema legali biex jimplimenta r-repressjoni abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa billi eskluda l-imħallfin nisa mis-sistema tal-qrati Afgana u rrestringa sistematikament l-aċċess tan-nisa għall-ġustizzja, bi ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.<br>Lil hinn mir-rwol tiegħu bħala aġent Prim Imħallef tat-Taliban, Abdul Hakim Haqqani Ishaqzaih għandu l-funzjoni ta' mexxej ideoloġiku fit-Taliban. Permezz tal-aċċess personali tiegħu għall-mexxej tat-Taliban Haibatullah Akhundzada, huwa eżerċita influwenza politika sabiex isawwar l-ideoloġija tat-Taliban fir-rigward tar-repressjoni tal-ġeneru, b'mod partikolari billi ta gwida għall-esklużjoni sistematika tan-nisa u tal-bniet mill-ħajja pubblika fl-Afganistan.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala Aġent Prim Imħallef tat-Taliban tal-Qorti Suprema tal-Afganistan, huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, b'mod partikolari għall-ksur tad-dritt tan-nisa għal aċċess għall-ġustizja u għad-dritt għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. | 20.7.2023 |
| 59. | Abdul-Hakim SHAREI<br>magħruf ukoll bħala<br>Sharae; Sharie; Shara'i | عبدالحکیم شریری<br>(Ortografija Pashto) | Pożizzjoni(jiet): Aġent Ministru tat-Taliban għall-Ġustizzja<br>Titlu: Shaikh-al-Hadith Mawlawi<br>Data tat-twelid: 1961<br>Post tat-twelid: Ayub-Khil, Khost province, Afghanistan<br>Nazzjonalità: Afgana<br>Sess: raġel | Wara l-ħtif tal-poter mit-Talibani fl-Afganistan, Abdul-Hakim Sharei, fil-kapaċità tiegħu bħala aġent Ministru tat-Taliban għall-Ġustizzja, beda sforz konċertat biex idawwar is-sistema ġudizzjarja nazzjonali kontra n-nisa Afgani. Huwa effettivament ostakola l-għoti ta' liċenzji lil avukati nisa u l-kapaċità tan-nisa li jirċievu rappreżentanza legali, u neħħa lin-nisa minn pożizzjonijiet fis-sistema ġudizzjarja. L-istruzzjoni tiegħu biex jeżamina mill-ġdid il-qafas legali kollu tal-Afganistan waqqfet ukoll l-applikazzjoni tal-Liġi dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa.<br>Dawn il-politiki jikkostitwixxu sforz konċertat biex tintuża ċ-ċaħda tal-ġustizzja bħala għodda effettiva għat-trawwim ta' sistema ta' repressjoni abbażi tal-ġeneru billi n-nisa u l-bniet jiġu esposti għal stat ta' nuqqas ta' liġi u impunità, li għaliha Abdul-Hakim Sharei huwa responsabbli direttament u personalment.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala aġent Ministru tat-Taliban għall-Ġustizzja, huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, b'mod partikolari għall-ksur tad-dritt tan-nisa għal aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. | 20.7.2023 |

▼M10

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 60. | James Mark NANDO | | Pożizzjoni(jiet): Maġġur Ġeneral, Forzi tad-Difiża tal-Poplu tas-Sudan t'Isfel (SSPDF)<br>Post tat-twelid: Ezo, Ezo County, Western Equatoria, Sudan t'Isfel<br>Indirizz: Juba, South Sudan<br>Nazzjonalità: Sud Sudaniż<br>Sess: raġel | James Nando huwa uffiċjal anzjan fil-Forzi tad-Difiża tal-Poplu tas-Sudan t'Isfel (SSPDF), li għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral. Huwa jikkmanda l-forzi fl-istat tal-Ekwatorji tal-Punent tas-Sudan t'Isfel li wettqu attakki mifruxa kontra l-popolazzjoni ċivili. Il-forzi tiegħu użaw b'mod sistematiku l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru bħala mezz biex il-popolazzjoni tiġi terrorizzata.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala Maġġur Ġeneral, huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan t'Isfel, li jinkludu l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru. | 20.7.2023 |
| 61. | Mahamat SALLEH Adoum Kette<br>magħruf ukoll bħala<br>Mahamet Salleh | | Pożizzjoni(jiet): Ġeneral, tal-Front Popolari għat-Twelid mill-Ġdid tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (FPRC)<br>Nazzjonalità: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>Post tat-twelid: Haute-Kotto Prefecture, Central African Republic<br>Sess: raġel | Fil-kapaċità tiegħu bħala figura ewlenija fil-Front Popolari għat-Twelid mill-Ġdid tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (FPRC), Mahamat Salleh ikkmanda forzi fir-Repubblika Ċentru-Afrikana li wettqu attakki mifruxa kontra l-popolazzjoni ċivili. Għal snin, Salleh, u l-forzi taħt il-kmand tiegħu ripetutament wettqu delitti relatati ma' vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru fuq skala massiva bħala mezz biex il-popolazzjoni ċivili tiġi terrorizzata.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala Ġeneral fil-FPRC, huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, li jinkludu l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru. | 20.7.2023 |
| 62. | Igor Leonidovich KOLEDA | Ігор Леонідович КОЛЕДА<br>(Ortografija Ukrena)<br>Игорь Леонидович<br>КОЛЕДА<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Kmandant tat-30 Motorized Rifle Brigade.<br>Grad: Kurunell<br>Data tat-twelid: 11.12.1973<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' identifikazzjoni tal-forzi armati: 540530367155 | Igor Leonidovich Koleda huwa l-kmandant fit-30 Motorized Rifle Brigade tal-Forzi Armati Russi u għandu l-grad ta' Kurunell. Il-brigata taħt il-kmand tiegħu ħadet sehem fl-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russja fil-bidu tal-2022.<br>Fil-bidu tal-2022, Membri tat-30 Motorized Rifle Brigade wettqu atti ta' vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru kontra l-popolazzjoni ċivili Ukrena inkluż kontra mill-inqas minorenni wieħed. L-awtoritajiet Ukreni identifikaw membru wieħed tat-30 Motorized Rifle Brigade bħala suspettat ta' vjolenza sesswali kontra n-nisa. | 20.7.2023 |

▼M10

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | L-iskala u s-severità tal-atti ta' vjolenza sesswali li qed iseħħu f'żoni tal-Ukrajna okkupati mir-Russja jissuġġerixxu li twettaq ippjanar sistematiku u li l-kmandanti Russi huma konxji mill-vjolenza sesswali mill-persunal militari fl-Ukrajna u f'xi każijiet jinkoraġġixxu jew saħansitra jordnaw din il-vjolenza.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala l-kmandant tat-30 Motorized Rifle Brigade, Igor Koleda huwa għalhekk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, inkluż il-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru. | |

▼M11

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 63. | Elena Victorovna PODOLNAYA | Елена Викторовна ПОДОЛЬНАЯ<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Prosekutur Russu; Viċi Prosekutur fis-“Simferopol District Court in the Republic of Crimea”<br>Data tat-twelid: 5.9.1978<br>Sess: mara<br>Numru tal-karta tal-identità tat-taxxa: 261803847664 | Elena Podolnaya hija l-Viċi Prosekutur fil-“Qorti Distrettwali ta’ Simferopol fir-Repubblika tal-Krimea” stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea annessa illegalment. F’dik il-pożizzjoni, Elena Podolnaya ħadet sehem fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati kontra Vladyslav Yesypenko, ġurnalist, u għalih ipproponiet sentenza ta’ 11-il sena ħabs. Vladyslav Yesypenko ġie kkundannat għal 6 snin ħabs.<br>Il-proċedimenti tal-qorti kontra Vladyslav Yesypenko kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew bħala proċess eżemplari fir-Russja biex l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitrażżnu milli jleħħnu oppożizzjoni għall-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa ma’ kullimkien f’għadd kbir ta’ każijiet ta’ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b’mod sistematiku u gravi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà tagħhom tal-opinjoni u tal-espressjoni.<br>Għalhekk, hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. | 8.9.2023 |
| 64. | Denis Vladimirovich KOROVIN | Денис Владимирович КОРОВИН<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Uffiċjal tal-Federal Security Service of the Russian Federation (FSB)<br>Sess: raġel | Denis Korovin huwa uffiċjal tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB). Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa ħa sehem fit-tortura ta’ Vladyslav Yesypenko, ġurnalist, li ġie kkundannat għal 6 snin ħabs. | 8.9.2023 |

▼M11

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Il-proċedimenti tal-qorti kontra Vladyslav Yesypenko kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew bħala proċess eżemplari fir-Russja biex l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitrażżnu milli jleħħnu oppożizzjoni għall-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa ma’ kullimkien f’għadd kbir ta’ każijiet ta’ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b’mod sistematiku u gravi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà tagħhom tal-opinjoni u tal-espressjoni.<br><br>Għalhekk, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż tortura, trattament inuman u degradanti u ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. | |
| 65. | Dliaver Memetovich BERBEROV | Длявер Меметович БЕРБЕРОВ<br><br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Imħallef fis-“Simferopol District Court of the Republic of Crimea”<br><br>Data tat-twelid: 17.8.1978<br><br>Post tat-twelid: Uzbekistan<br><br>Sess: raġel<br><br>Indirizz: 6 Turkenicha St., Simferopol, Crimea, Ukraine<br><br>АР Крим, г. Симферополь, ул. Туркенича 6<br><br>Kodiċi DRFO: 2871801456 | Dliaver Berberov huwa mħallef fil-“Qorti Distrettwali ta’ Simferopol fir-Repubblika tal-Krimea” stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea annessa illegalment. F’dik il-pożizzjoni, ħa sehem fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati kontra Vladyslav Yesypenko, ġurnalist.<br><br>Fis-16 ta’ Frar 2021, Dliaver Berberov ħabbar il-verdett tal-każ ta’ Vladyslav Yesypenko u kkundannah għal 6 snin ħabs.<br><br>Il-proċedimenti tal-qorti kontra Vladyslav Yesypenko kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew bħala proċess eżemplari fir-Russja biex l-ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitrażżnu milli jleħħnu oppożizzjoni għall-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa ma’ kullimkien f’għadd kbir ta’ każijiet ta’ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b’mod sistematiku u gravi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà tagħhom tal-opinjoni u tal-espressjoni.<br><br>Għalhekk, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. | 8.9.2023 |

▼M11

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 66. | Vitaliy Olegovich VLASOV | Виталий Олегович ВЛАСОВ<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Investigatur fil-Federal Security Service of the Russian Federation (FSB)<br>Data tat-twelid: 7.5.1986<br>Post tat-twelid: Shimanovsk/Amur Oblast/Russian Federation<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Vitaliy Vlasov huwa investigatur fis-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB). F'dik il-pożizzjoni, huwa mexxa l-investigazzjonijiet fil-każijiet tal-ġurnalist Vladyslav Yesypenko, ta' membri tal-komunità tat-Tatari tal-Krimea fil-Krimea, inkluż Nariman Dzhelyalov, kif ukoll ta' membri tax-Xhieda ta' Jehovah, inkluż Aleksandr Dubovenko u Aleksandr Litvinyuk.<br>F'dak il-kuntest, Vlasov kien involut fil-kampanji ta' persekuzzjoni sistematika kontra l-komunità tat-Tatari tal-Krimea u membri tax-Xhieda ta' Jehovah minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom.<br>Għalhekk, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż tortura, trattament inuman u degradanti, arrest u detenzjoni arbitrarji u ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. | 8.9.2023 |
| 67. | Viktor Viktorovich KRAPKO | Виктор Викторович КРАПКО<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Imħallef tas-"Supreme Court of the Republic of Crimea"; Eks Imħallef fil-Kiev District Court of Simferopol<br>Data tat-twelid: 22.1.1989<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viktor Krapko huwa mħallef fil-"Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Krimea" stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea annessa illegalment. F'dik il-pożizzjoni, ħa sehem fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati kontra Vladyslav Yesypenko, ġurnalist, u Nariman Dzhelyalov, Tatar tal-Krimea.<br>Krapko huwa responsabbli wkoll għall-awtorizzazzjoni ta' tfittxijiet fid-djar ta' membri tax-Xhieda ta' Jehovah fl-2021 fil-Krimea okkupata mir-Russja.<br>Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa ma' kullimkien f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex tikser b'mod sistematiku u gravi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jopponu r-reġim fil-gvern, billi tikser il-libertà tagħhom tal-opinjoni u tal-espressjoni.<br>F'dak il-kuntest, Krapko kien involut fil-kampanji ta' persekuzzjoni sistematika kontra l-komunità tat-Tatari tal-Krimea u membri tax-Xhieda ta' Jehovah minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom.<br>Għalhekk, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż ksur tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni. | 8.9.2023 |

▼M11

| | ►M2 Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) ◄ | ►M2 Ismijiet ◄ | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 68. | Anastasia Ivanovna SUPRYAGA | Анастасия Ивановна СУПРЯГА<br>(ortografija Russa) | Pożizzjoni(jiet): Prosekutur fil-"Prosecutor's Office of Crimea"<br>Data tat-twelid: 15.3.1983<br>Post tat-twelid: Vinohradove, Saksky district, Autonomous Republic of Crimea, Ukraine<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Anastasia Supryaga hija prosekutur tal-"Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Krimea" stabbilita mill-forza okkupanti tar-Russja fil-Krimea annessa illegalment. F'dik il-pożizzjoni, ħadet sehem fil-proċedimenti tal-qorti politikament motivati u l-prosekuzzjoni ta' Akhtem Chiygoz, Viċi President tal-Mejlis tal-poplu Tatar tal-Krimea u ta' membri tal-komunità tat-Tatari tal-Krimea, inkluż Nariman Dzhelyalov.<br>F'dak il-kuntest, Supryaga kienet involuta fil-kampanji ta' persekuzzjoni sistematika kontra l-komunità tat-Tatari tal-Krimea u membri tax-Xhieda ta' Jehovah tal-Krimea minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom.<br>Għalhekk, hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji okkupati minnha, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji. | 8.9.2023 |

▼B

B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi.

▼M2

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Bureau tas-Sigurtà Pubblika tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang | 新疆生产建设兵团公安局<br>(Ortografija Ċiniża) | Indirizz: 106 Guangming Road, Urumqi, Xinjiang Uyghur Autonomous Region (XUAR), China<br>Telefon: +86 991 598 8114 | Il-Bureau tas-Sigurtà Pubblika tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (XPCC) huwa inkarigat bl-implimentazzjoni tal-politiki kollha tal-XPCC relatati ma' kwistjonijiet tas-sigurtà, inkluż il-ġestjoni ta' ċentri ta' detenzjoni. L-XPCC huwa organizzazzjoni ekonomika u paramilitari tal-istat fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang, li teżerċita awtorità amministrattiva u tikkontrolla l-attivitajiet ekonomiċi f'Xinjiang.<br><br>Bħala l-organizzazzjoni inkarigata mill-politiki tas-sigurtà fl-XPCC, il-Bureau tas-Sigurtà Pubblika tal-XPCC huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrarji u trattament degradanti fuq skala kbira kkawżati fuq l-Ujgur u popli minn minoranzi etniċi Musulmani oħra, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin tagħhom, b'rabta ma', fost l-oħrajn, l-implimentazzjoni min-naħa tal-XPCC ta' sorveljanza, detenzjoni u programmi ta' indottrinazzjoni fuq skala kbira mmirati lejn minoranzi etniċi Musulmani.<br>Bħala parti mill-programm imsemmi hawn fuq, l-XPCC juża lill-Ujguri u lil popli minn minoranzi etniċi Musulmani oħra bħala forza tax-xogħol furzata, b'mod partikolari fl-għelieqi tal-qoton. Bħala l-organizzazzjoni inkarigata minn politiki tas-sigurtà fl-XPCC, il-Bureau tas-Sigurtà Pubblika tal-XPCC huwa responsabbli għall-użu sistematiku ta' xogħol furzat. | 22.3.2021 |
| 2. | Uffiċċju Ċentrali tal-Prosekutur Pubbliku (magħruf ukoll bħala Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK)) | 조선민주주의인민공화국 중앙검찰소<br>(Ortografija Koreana) | | L-Uffiċċju Ċentrali tal-Prosekutur Pubbliku huwa istituzzjoni, li tissorvelja l-proċedimenti kriminali kollha fir- Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK), inkluż l-investigazzjoni, l-interrogazzjoni, iż-żamma taħt arrest u l-proċess kriminali. | 22.3.2021 |

▼M2

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | L-Uffiċċju Ċentrali tal-Prosekutur Pubbliku jintuża għall-prosekuzzjoni u l-ikkastigar ta' persuni għal għemil ħażin politiku fi proċessi kriminali fundamentalment inġusti. Huwa jerfa' wkoll ir-responsabbiltà istituzzjonali għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem f'ħabsijiet komuni u f'ċentri ta' detenzjoni tal-interrogazzjoni billi jonqos milli jinforza d-drittijiet ta' detenuti qabel il-proċess u priġunieri kkundannati. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ministeri għas-Sigurtà tal-Istat u għas-Sigurtà Soċjali, huwa jerfa' r-responsabbiltà u jipprovdi leġittimità għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-amministrazzjoni tas-sigurtà tar-RDPK, b'mod partikolari tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji u qtil, għajbien sfurzat ta' persuni, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji. | |

▼M5

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 3. | Kaniyat Militia (magħrufa wkoll bħala 7th Brigade, Tarhuna 7th Brigade, Tarhuna Brigade) (magħrufa wkoll bħala 9th brigade, Al-Kani Militia, Al-Kaniyat, Kani Brigade, Kaniat, Kaniyat, Kanyat) | مليشيا كانيات<br>(Ortografija Għarbija) | | Il-Milizzja Kaniyat hija milizzja armata Libjana, li eżerċitat il-kontroll fil-belt Libjana ta' Tarhuna bejn l-2015 u Ġunju tal-2020. Oqbra tal-massa attribwiti lill-Milizzja Kaniyat ġew skoperti f'Tarhuna minn Ġunju 2020, wara li l-milizzja ħarbet lejn il-Lvant tal-Libja. Il-Milizzja Kaniyat hija responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari qtil ekstraġudizzjarju u l-għajbien sfurzat ta' persuni. | 22.3.2021 |

▼M2

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 4. | Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali (magħruf ukoll bħala Aġenzija tas-Sigurtà Nazzjonali) tal-Gvern tal-Eritrea | - | Immexxi mill-Maġġur Ġeneral Abraha Kassa | L-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali (magħruf ukoll bħala Aġenzija tas-Sigurtà Nazzjonali) tal-Gvern tal-Eritrea huwa mmexxi mill-Maġġur Ġeneral Abraha Kassa u huwa taħt is-superviżjoni tal-Uffiċċju tal-President. L-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali huwa organizzat f'sitt uffiċċji, b'kull wieħed minnhom maqsum fi tliet taqsimiet responsabbli mill-intelligence, l-arresti u l-interrogazzjonijiet, rispettivament. L-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea, b'mod partikolari arresti arbitrarji, qtil ekstraġudizzjarju, għajbien sfurzat ta' persuni u tortura mwettaq mill-aġenti tiegħu.' | 22.3.2021'. |

▼M2

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| ▼M5 | | | | | |
| 5. | Grupp Wagner (magħruf ukoll bħala Grupp Vagner, PMC Wagner, Liga, League) | Група Вагнера<br><br>(Ortografija Russa) | | Il-Grupp Wagner huwa entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, li ġiet stabbilita fl-2014 bħala organizzazzjoni suċċessur tal-Korp Slavoniku. Huwa mmexxi minn Dimitriy Utkin u ffinanzjat minn Yevgeny Prigozhin. Permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet lokali, u bl-appoġġ tal-gvernijiet lokali, il-Grupp Wagner jiffinanzja u jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu.<br><br>Il-Grupp Wagner huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, is-Sirja, il-Libja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA), is-Sudan, il-Mali u l-Mozambique, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji. | 13.12.2021 |
| ▼M6 | | | | | |
| 6. | Lobaye Invest SARLU | | Post ta' reġistrazzjoni: Bangui (Repubblika Ċentru-Afrikana)<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 24.10.2017<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: M 354838 D 0001 (numru "NIF", numru ta' identifikazzjoni tat-Taxxa)<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Repubblika Ċentru-Afrikana<br><br>Informazzjoni oħra: Fergħa ta' M-Finans | Lobaye Invest SARLU hija kumpanija privata reġistrata fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), sussidjarja tal-kumpanija Russa M-Finans, ikkontrollata minn Yevgeny Prigozhin. Hija mmexxija minn Dimitri Sytii, li jokkupa kariga eżekuttiva għolja ma' Wagner Group u minn Yevgeny Khodotov, li huwa assoċjat ma' Yevgeny Prigozhin. Lobaye Invest topera minjieri tad-deheb u tad-djamanti fir-RCA. Hija ġiet assoċjata mal-operazzjonijiet tal-Wagner Group fir-RCA. Hija tiffinanzja wkoll diversi mezzi tal-media, bħall-istazzjon tar-radju Lengo Songo, stazzjon tar-radju tal-Afrika Ċentrali li jagħmel kampanji ta' diżinformazzjoni u jippromwovi l-preżenza tal-Wagner Group fir-RCA.<br><br>Lobaye Invest hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Lobaye Invest tipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fir-RCA. | 25.2.2023 |

▼M6

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 7. | DIAMVILLE | | Data tar-reġistrazzjoni: 28.3.2019<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: CA/BG2019B519<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Repubblika Ċentru-Afrikana<br><br>Informazzjoni oħra: individwi u entitajiet assoċjati: Yevgeny Prigozhin, Wagner Group, Dimitri Sytii, Valery Zakharov, Perfilev, Svetlana Troitskaya, Lobaye Invest | Diamville hija kumpanija faċċata użata mill-Wagner Group preżenti fir- Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA) għall-kummerċ illegali ta' djamanti. Hija marbuta mill-qrib mal-atturi ewlenin kollha tal-Wagner Group fir-RCA, bħal Yevgeny Prigozhin, u Dimitri Sytii, Diamville hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, hija tipprovdi appoġġ għal tali abbużi mwettqa fir-RCA. | 25.2.2023 |
| 8. | Foundation for the Defence of National Values (FDNV)<br><br>Fund for the Defence of National Values (FDNV)<br><br>Foundation/organization for the Protection of National Values (FPNV)/(FZNC)<br><br>Foundation for National Values Protection | | Post ta' reġistrazzjoni: Moscow (64 Zemlyanoy Val str., building 2, office 201, Moscow, Russian Federation)<br><br>Sit web: https://en.fznc.ru/ | Il-Foundation for the Defence of National Values (FDNV) hija marbuta mal-kap tal-Wagner Group, Yevgeny Prigozhin. Il-FDNV topera bħala l-fergħa tar-relazzjonijiet pubbliċi tal-Wagner Group. Hija tmexxi l-propaganda favur Wagner Group u l-kampanji ta' diżinformazzjoni, inkluż biex issaħħaħ ir-reputazzjoni tal-Wagner Group u tappoġġa l-iskjerament tiegħu, u tinvolvi ruħha f'interferenza moħbija f'isem il-Wagner Group fid-diversi pajjiżi li hija attiva fihom.<br><br>Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż il-Libja, il-Mali u r-Repubblika Ċentru-Afrikana.<br><br>FDNV hija assoċjata mal-Wagner Group u hija responsabbli għall-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-atti tal-Wagner Group permezz ta' propaganda favur Wagner Group, interferenza politika u diżinformazzjoni. | 25.2.2023 |

▼M6

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 9. | Radio Centrafricaine Lengo Sengo | | Post ta' reġistrazzjoni: Bangui, Repubblika Ċentru-Afrikana<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: Novembru 2018<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Galabadja<br><br>Bangui, Commune de Bangui<br><br>Galabadja, 8eme Arr.<br><br>[GPS]-> 4.4070, 18.5465 | Radio Lengo Sengo huwa stazzjon tar-radju Ċentru-Afrikan involut f'operazzjonijiet ta' influwenza online f'isem il-Wagner Group. L-għan aħħari tiegħu huwa li jimmanipula l-opinjoni pubblika. Il-kumpanija twettaq kampanji ta' diżinformazzjoni u tippromwovi l-preżenza tal-Wagner Group fir- Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Radio Lengo Sengo huwa ffinanzjat minn Lobaye Invest, kumpanija privata marbuta ma' Yevgeny Prigozhin u konnessa mal-Wagner Group li sservi bħala kopertura għall-attivitajiet tagħha fir-RCA.<br><br>Il-Wagner Group, huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA.<br><br>Radio Lengo Sengo huwa responsabbli għall-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-atti tal-Wagner Group fir-RCA. | 25.2.2023 |
| 10. | Meroe Gold Co. Ltd. | | Post ta' reġistrazzjoni: Al-jref Gharb Plot 134 Blok 1h, Khartoum, Sudan<br><br>Informazzjoni oħra: Qtugħ ta' metall ieħor mhux ferruż mill-minjieri<br><br>Assoċjata ma':<br><br>Al Sawlaj for Mining Ltd<br><br>الصولج<br><br>Aswar Multi Activities Co., Ltd | Meroe Gold hija entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan. Hija marbuta mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja.<br><br>Meroe Gold hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Meroe Gold tipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan. | 25.2.2023 |

▼M6

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 11. | M-Invest | | Post tar-reġistrazzjoni: d. 76 korp. 4 litera A ofis N620, prospekt Obukhovskoi Oborony St. Petersburg, Russian Federation<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1177847044066<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Khartoum, Sudan<br><br>Informazzjoni oħra: Nru tal-Identità tat-Taxxa: 7811636632, numru tal-Gazzetta tal-Gvern: 06513574 | M-Invest hija entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan. Hija marbuta mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. M-Invest hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tagħha, M-Invest tipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan. | 25.2.2023 |
| 12. | Sewa Security Services | | Post ta' reġistrazzjoni: Bangui (Repubblika Ċentru-Afrikana)<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Repubblika Ċentru-Afrikana<br><br>Informazzjoni oħra: sussidjarja ta' Lobaye Invest | Sewa Security Services hija kumpanija privata bbażata fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA) li tipprovdi protezzjoni għall-uffiċjali għolja tal-gvern tar-RCA. Din isservi bħala kopertura għall-attivitajiet ta' Wagner Group fir-RCA. Hija sussidjarja ta' Lobaye Invest, immexxija minn Dimitri Sytii, li jokkupa kariga eżekuttiva għolja ma' Wagner Group u minn Yevgeny Khodotov, li huwa assoċjat ma' Yevgeny Prigozhin. SEWA Security kienet involuta flimkien mal-Wagner Group f'sensiela ta' attakki vjolenti li seħħew fir-RCA mill-elezzjonijiet presidenzjali ta' Diċembru 2020 'l hawn. Sewa Security hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Sewa Security Services tipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fir-RCA. | 25.2.2023 |

▼M2

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|

▼M7

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 13. | Qarchak Prison<br><br>magħruf ukoll bħala Gharchak Prison, Zendân-e-Qarchak, Qarchak Women's Prison, Shahr-e Rey Prison | زندان قرچک<br><br>(Ortografija Farsi) | Post tar-reġistrazzjoni: Varamin County, Tehran province, Iran<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 2010 | Qarchak Prison huwa wieħed mill-faċilitajiet ta' detenzjoni għan-nisa tar-reġim Iranjan fil-Kontea ta' Varamin (il-provinċja ta' Teheran).<br><br>Id-detenuti jinkludu priġunieri politiċi u parteċipanti fi protesti paċifiċi favur id-demokrazija kif ukoll nisa tqal u ommijiet bit-tfal. Il-kundizzjonijiet tal-għajxien f'Qarchak Prison huma deplorevoli u inumani.<br><br>Detenuti nisa f'Qarchak Prison huma soġġetti għal tortura, stupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali. Dawn jinżammu f'ċelel iffullati żżejjed, mingħajr aċċess għal ilma tax-xorb nadif, ikel u assistenza medika, li jammontaw għal trattament krudili, inuman jew degradanti. Il-priġunieri rilaxxati jirrappurtaw każijiet ta' abbuż sesswali mill-gwardji tal-ħabs u l-persunal tas-sigurtà. Id-dimostranti nisa li jintbagħtu f'Qarchak Prison spiss ikunu mhedda bi stupru biex dawn jistqarru konfessjonijiet.<br><br>Għaldaqstant, Qarchak Prison huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, inkluż għal tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor kif ukoll vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika. | 7.3.2023 |
| 14. | Syrian Republican Guard | | Post tar-reġistrazzjoni: Syria<br><br>Individwi assoċjati: Maġġur Ġeneral Shoaeb Suleiman (kmandant),<br><br>Brigadier Ġeneral Mohamed Qasem (viċi kmandant),<br><br>Ġeneral Malik Aliaa (kmandant suprem),<br><br>Il-Maġġur Ġeneral Issam Zahreddine, Mohammad Nayouf, Rukin Mohamed Kaddor (kmandanti),<br><br>il-President Bashar Al-Assad | Syrian Republican Guard hija entità responsabbli għas-sigurtà tal-uffiċjali u parti mill-forzi tas-sigurtà Sirjani.<br><br>Fit-tmexxija tagħha, il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa hija mifruxa, b'mod partikolari matul il-kunflitt Sirjan li għaddej. Il-vittmi rrappurtaw stupri vjolenti u tortura wara arresti arbitrarji u matul detenzjoni arbitrarja.<br><br>Syrian Republican Guard hija parti minn approċċ sistematiku mir-reġim Sirjan biex juża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru biex irażżan u jintimida lill-poplu Sirjan, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet.<br><br>Għaldaqstant, Syrian Republican Guard hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji kif ukoll vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru mifruxa. | 7.3.2023 |

▼M7

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 15. | Office of the Chief of Military Security Affairs (OCMSA) | | Post tar-reġistrazzjoni: Naypyitaw, Myanmar/Burma | L-Office of the Chief of Military Security Affairs (OCMSA) huwa responsabbli għall-ġestjoni taċ-ċentri ta' detenzjoni u interrogazzjoni fil-Myanmar/Burma u inkarigat bil-ġbir ta' intelligence.<br><br>Il-persunal tal-OCMSA juża nudità sfurzata, stupru, xokkijiet elettriċi, ħruq ta' ġenitali u vjolenza eċċessiva matul id-detenzjoni arbitrarja u l-interrogazzjoni ta' rġiel, nisa u membri tal-komunità LGBTIQ.<br><br>Għaldaqstant, l-OCMSA huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma, inkluż detenzjonijiet arbitrarji u tortura, kif ukoll għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa. | 7.3.2023 |
| ▼M9 | | | | | |
| 16. | Main Directorate of Internal Affairs of the City of Moscow (Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska) | Главное Управление Внутренних дел по городу Москве<br><br>(ortografija Russa) | Indirizz: 127994, Moscow, 38 Petrovka St., Russia<br><br>Telefon: +8 (495) 694-92-29<br><br>Sit web: https://77.xn–b1aew.xn–p1ai/ | Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska huwa magħmul minn forzi tal-pulizija, investigaturi kriminali, faċilitajiet ta' detenzjoni, iċ-Ċentru għall-Ġlieda kontra l-Estremiżmu u unitajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi f'Moska. Huwa mmexxi minn Oleg Baranov.<br><br>Wettaq monitoraġġ u detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiċi b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u f'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Fittex u żamm detenuti lil dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevitaw il-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għal dawn il-finijiet, uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni.<br><br>Għaldaqstant, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. | 20.7.2023 |

▼M9

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 17. | Department of Information Technologies of the City of Moscow (Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska) | Департамент Информационных Технологий города Москвы<br><br>(ortografija Russa) | Indirizz: (Legali) Russia, 123100 Moscow, 1-Y Krasnogvardeyskiy Proyezd, 21, bld 1; (Attwali) Russia, 105064 Moscow Yakovoapostol'skiy Pereulok, 12c1<br><br>Telefon:+7 (495) 957-01-31<br><br>Fax:+7 (495) 957-75-42<br><br>Indirizz elettroniku: dit@mos.ru<br><br>Sit web: https://www.mos.ru/dit/ | Id-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska jiżviluppa u juża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska. Jibgħat data mis-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ lill-unitajiet tal-infurzar tal-liġi tad-Direttorat Ewlieni għall-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska.<br><br>Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni. Wettaq monitoraġġ u detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiċi b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u f'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Is-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ intużat ukoll mid-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska biex isib u jżomm detenuti lil dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevadu l-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għaldaqstant, id-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. | 20.7.2023 |
| 18. | Ntechlab | Нтехлаб<br><br>(ortografija Russa) | Indirizz: 127055, Russia, Moscow, Novolesnaya St., 2, prem. 1/3 (BC "Brigantina Hall")<br><br>Telefon: +7 (499) 110-22-54<br><br>Indirizz elettroniku: info@ntechlab.ru<br><br>Sit web: https://ntechlab.ru/ | NtechLab hija kumpanija Russa tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ. Ikkooperat mad-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska għall-iżvilupp tas-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska. Id-data mis-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ tintbagħat lill-unitajiet tal-infurzar tal-liġi tad-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska.<br><br>Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni. Wettaq monitoraġġ u detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiċi b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u f'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Is-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ intużat ukoll mid-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska biex isib u jżomm detenuti lil dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevadu l-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għaldaqstant, NtechLab hija responsabbli għall-għoti ta' appoġġ tekniku jew materjali għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. | 20.7.2023 |

▼M9

| | Isem (Trażlitterazzjonibl-alfabett Latin) | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 19. | Tevian<br><br>magħrufa wkoll bħala Tekhnologii Videoanaliza LLC | ООО Технологии видеоанализа<br><br>(ortografija Russa) | Indirizz: (legali) 119634 Moscow, Skulptora Mukhina St. 7, 1st floor, II, room 2B, Russia; (uffiċċju) 119048, Moscow, Efremova St., 10, building 2, Office 11, Russia<br><br>Telefon: +7 (917) 531-86-41<br><br>Sit web: https://tevian.ai<br><br>Indirizz elettroniku: info@tevian.ru;<br><br>support@tevian.ai | Tevian hija kumpanija tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ. Ikkooperat mad-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska għall-iżvilupp tas-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska. Id-data mis-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ tintbagħat lill-unitajiet tal-infurzar tal-liġi tad-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska.<br><br>Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni. Wettaq monitoraġġ u detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiċi b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u f'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Is-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ intużat ukoll mid-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska biex isib u jżomm detenuti lil dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevadu l-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Għaldaqstant, Tevian hija responsabbli għall-għoti ta' appoġġ tekniku jew materjali għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. | 20.7.2023 |
| 20. | JSC Elektronnaya Moskva | АО "Электронная Москва"<br><br>(ortografija Russa) | Indirizz:<br>(Attwali) 105064, Moscow, Nizhny Susalny pereulok, building 5, building 19, floor a1, room X, room 1<br>(Legali) 105064, Moscow, Nizhny Susalny lane, 5, building 19, floor a1, room X, room 1<br>(Postali) 107078, Moscow, PO Box 185<br>Telefon: +7 (495) 988-2270<br>Indirizz elettroniku: e-moskva@e-moskva.ru<br>Sit web: https://www.e-moskva.ru/<br>Nru INN 7707314029 | Elektronnaya Moskva hija kumpanija tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni stabbilita mill-Gvern ta' Moska. Hija organizzat sejħiet għall-offerti għall-provvista ta' software għar-rikonoxximent tal-wiċċ, li aktar tard intuża fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska.<br>Is-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska ġiet żviluppata u użata mid-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni tal-Belt ta' Moska. Id-data mis-sistema intbagħtet lill-unitajiet tal-infurzar tal-liġi tad-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska.<br>Id-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni. Wettaq monitoraġġ u detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiċi b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u f'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Is-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ intużat ukoll mid-Direttorat Ewlieni tal-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska biex isib u jżomm detenuti lil dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevadu l-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għaldaqstant, Elektronnaya Moskva hija responsabbli għall-għoti ta' appoġġ tekniku jew materjali għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. | 20.7.2023 |